

EMENDI 001-137

mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapport**Assita Kanko****A9-0411/2023**

Il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, u emenda tar-Regolament (UE) 2019/818

Proposta għal regolament (COM(2022)0731 – C9-0427/2022 – 2022/0425(COD))

Emenda 1**Proposta għal regolament****Premessa 1***Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Id-dimensjoni tranżnazzjonali tal-kriminalità serja u organizzata u t-theddida kontinwa ta' attakki terroristiċi fit-territorju Ewropew jitkolbu azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jiġu adottati miżuri xierqa bil-ġhan li tiġi żgurata s-sigurtà fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni. L-informazzjoni dwar ***il-vjaġġaturi*** bl-ajru, bħar-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) u, b'mod partikolari, l-Informazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri (API), hija essenzjali sabiex jiġu identifikati ***vjaġġaturi*** b'riskju għoli, inklużi dawk li ma jkunux magħrufa b'mod ieħor mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u biex jiġu stabbiliti rabtiet bejn membri ta' gruppi kriminali u jiġu miġġielda l-attivitajiet terroristiċi.

Emenda

(1) Id-dimensjoni tranżnazzjonali tal-kriminalità serja u organizzata u t-theddida kontinwa ta' attakki terroristiċi fit-territorju Ewropew jitkolbu azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jiġu adottati miżuri xierqa bil-ġhan li tiġi żgurata s-sigurtà fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni. L-informazzjoni dwar ***il-passiġġieri*** bl-ajru, bħar-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) u, b'mod partikolari, l-Informazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri (API), hija essenzjali sabiex jiġu identifikati ***passiġġieri*** b'riskju għoli, inklużi dawk li ma jkunux magħrufa b'mod ieħor mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u biex jiġu stabbiliti rabtiet bejn membri ta' gruppi kriminali u jiġu miġġielda l-attivitajiet terroristiċi.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE²⁷ tistabbilixxi qafas legali għall-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru bl-ġhanijiet li jittejbu l-kontrolli fuq il-fruntieri u tīgi miġġielda l-immigrazzjoni illegali, hija tiddikjara wkoll li l-Istati Membri jistgħu jużaw id-data tal-API għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi. Madankollu, il-ħolqien biss ta' tali possibbiltà jwassal għal diversi lakuni u nuqqasijiet. B'mod partikolari, dan ifisser li, *minkejja r-rilevanza tagħha għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi*, id-data tal-API *mhux fil-każijiet kollha tinġabar u tiġi ittrasferita* mit-trasportaturi tal-ajru għal-dawk *il-finijiet*. Dan ifisser ukoll li, fejn l-Istati Membri jkunu aġixxew fuq il-possibbiltà, it-trasportaturi tal-ajru jiffaċċejaw rekwiżiti divergenți skont il-liġi nazzjonali fir-rigward ta' meta u kif jiġbru u jittraferixxu d-data tal-API għal dan l-iskop. Dawk id-diverġenzi jwasslu mhux biss għal kostijiet u kumplikazzjonijiet bla bżonn għat-trasportaturi tal-ajru, iżda *huma wkoll ta' preġudizzju għas-sigurtà interna tal-Unjoni u għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura differenti tal-finijiet tal-iffaċċilar tal-kontrolli fuq il-fruntieri u tal-infurzar tal-liġi, huwa xieraq li jiġi stabbilit qafas legali distint għall-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API għal kull wieħed minn dawk il-finijiet.*

²⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tat-trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24).

Emenda

(2) Filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE²⁷ tistabbilixxi qafas legali għall-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru bl-ġhanijiet li jittejbu l-kontrolli fuq il-fruntieri u tīgi miġġielda l-immigrazzjoni illegali, hija tiddikjara wkoll li l-Istati Membri jistgħu jużaw id-data tal-API għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi. Madankollu, il-ħolqien biss ta' tali possibbiltà jwassal għal diversi lakuni u nuqqasijiet. B'mod partikolari, dan ifisser li, id-data tal-API *ma tinġabarx u ma tiġix ittrasferita b'mod sistematiku* mit-trasportaturi tal-ajru għal-dawk *il-finijiet ta' infurzar tal-liġi*. Dan ifisser ukoll li, fejn l-Istati Membri jkunu aġixxew fuq il-possibbiltà, it-trasportaturi tal-ajru jiffaċċejaw rekwiżiti divergenți skont il-liġi nazzjonali fir-rigward ta' meta u kif jiġbru u jittraferixxu d-data tal-API għal dan l-iskop. Dawk id-diverġenzi jwasslu mhux biss għal kostijiet u kumplikazzjonijiet bla bżonn għat-trasportaturi tal-ajru, iżda *jistgħu jaffettwaw ukoll b'mod negattiv is-sigurtà interna tal-Unjoni u għall-kooperazzjoni effettiva *kkumplikata* bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura differenti tal-finijiet tal-iffaċċilar tal-kontrolli fuq il-fruntieri u tal-infurzar tal-liġi, huwa xieraq li jiġi stabbilit qafas legali distint għall-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API għal kull wieħed minn dawk il-finijiet.*

²⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tat-trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24).

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti, ***fil-livell tal-Unjoni***, regoli ċari, armonizzati u effettivi dwar il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja.

Emenda

(4) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari, armonizzati u effettivi ***fil-livell tal-Unjoni*** dwar il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Meta titqies ir-relazzjoni mill-qrib bejn iż-żewġ atti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinfiehem bħala li jikkomplementa r-regoli previsti fid-Direttiva (UE) 2016/681. Għalhekk, id-data tal-API għandha tinġabar u tīgħi ttrasferita f'konformità mar-rekwiżi speċifiċi ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tas-sitwazzjonijiet u l-mod li bih dan għandu jsir. Madankollu, ir-regoli ta' dik id-Direttiva japplikaw fir-rigward ta' kwistjonijiet mhux koperti speċifikament minn dan ir-Regolament, speċjalment ir-regoli dwar l-ipproċessar sussegamenti tad-data tal-API riċevuta mill-PIUs, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-kundizzjonijiet tal-aċċess mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), it-trasferimenti lejn pajiżi terzi, iż-żamma u d-depersonalizzazzjoni, kif ukoll il-protezzjoni ta' data personali. Sa fejn japplikaw dawk ir-regoli, japplikaw ukoll ir-regoli ta' dik id-Direttiva dwar il-penali u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Jenħtieġ li dan ir-Regolament iħalli dawk

Emenda

(5) Meta titqies ir-relazzjoni mill-qrib bejn iż-żewġ atti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinfiehem bħala li jikkomplementa r-regoli previsti fid-Direttiva (UE) 2016/681. Għalhekk, id-data tal-API għandha tinġabar u tīgħi ttrasferita f'konformità mar-rekwiżi speċifiċi ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tas-sitwazzjonijiet u l-mod li bih dan għandu jsir. Madankollu, ir-regoli ta' dik id-Direttiva japplikaw fir-rigward ta' kwistjonijiet mhux koperti speċifikament minn dan ir-Regolament, speċjalment ***rigward*** ir-regoli dwar l-ipproċessar sussegamenti tad-data tal-API riċevuta mill-PIUs, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-kundizzjonijiet tal-aċċess mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), it-trasferimenti lejn pajiżi terzi, iż-żamma u d-depersonalizzazzjoni, kif ukoll il-protezzjoni ta' data personali. Sa fejn japplikaw dawk ir-regoli, japplikaw ukoll ir-regoli ta' dik id-Direttiva dwar il-penali u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Jenħtieġ li dan ir-Regolament

ir-regoli mhux affettwati.

iħalli dawk ir-regoli mhux affettwati.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API jaffettwaw il-privatezza tal-individwi u jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali. Sabiex jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamental tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”), jenħtieġ li jiġu previsti limiti u salvagwardji adegwati. B'mod partikolari, kwalunkwe pproċessar tad-data tal-API u, b'mod partikolari, tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, jenħtieġ li jibqa' limitat għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħqu l-obbjettivi segwiti minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li ***I-API*** miġbura u ttrasferita skont dan ir-Regolament ma twassal għall-ebda forma ta' diskriminazzjoni prekluża mill-Karta.

Emenda

(6) Il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API jaffettwaw il-privatezza tal-individwi u jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali ***tagħhom***. Sabiex jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali ***tagħhom***, b'mod partikolari d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamental tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”), jenħtieġ li jiġu previsti limiti u salvagwardji adegwati. B'mod partikolari, kwalunkwe pproċessar tad-data tal-API u, b'mod partikolari, tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, jenħtieġ li jibqa' ***strettamente*** limitat għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħqu l-obbjettivi segwiti minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li ***I-ipproċessar ta' kwalunkwe data tal-API*** miġbura u ttrasferita skont dan ir-Regolament ma twassal għall-ebda forma ta' diskriminazzjoni prekluża mill-Karta.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Fid-dawl tan-natura komplementari ta' dan ir-Regolament b'rabta mad-Direttiva (UE) 2016/681, l-obbligi tat-transportaturi tal-ajru skont dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw firrigward tat-titjiriet kollha li għalihom l-Istati Membri għandhom jitkolbu li t-transportaturi tal-ajru jittrażżmettu d-data tal-

Emenda

(7) Fid-dawl tan-natura komplementari ta' dan ir-Regolament b'rabta mad-Direttiva (UE) 2016/681, l-obbligi tat-transportaturi tal-ajru ***kummerċjali*** skont dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw firrigward tat-titjiriet kollha li għalihom l-Istati Membri għandhom jitkolbu li t-transportaturi tal-ajru jittrażżmettu d-data tal-

PNR skont id-Direttiva (UE) 2016/681, jiġifieri t-titjiriet, inklużi kemm it-titjiriet skedati kif ukoll dawk mhux skedati, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn pajjiżi terzi (titjiriet barra l-UE), u bejn diversi Stati Membri (titjiriet intra-UE) sa fejn dawk it-titjiriet ikunu ntgħażlu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/681, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tat-trasportaturi tal-ajru li jwettqu dawk it-titjiriet.

PNR skont id-Direttiva (UE) 2016/681, jiġifieri t-titjiriet, inklużi kemm it-titjiriet skedati kif ukoll dawk mhux skedati, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn pajjiżi terzi (titjiriet barra l-UE), u bejn diversi Stati Membri (titjiriet intra-UE) sa fejn dawk it-titjiriet ikunu ntgħażlu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/681, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tat-trasportaturi tal-ajru li jwettqu dawk it-titjiriet. **F'konformità mal-klassifikazzjonijiet rilevanti tal-ICAO, l-avjazzjoni ġenerali bħall-iskejjel tal-avjazzjoni, it-titjiriet militari jew dawk mediċi, jenħtieġ li tkun eżentata minn dan ir-Regolament.**

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Fid-dawl tar-relazzjoni mill-qrib bejn l-atti tad-dritt tal-Unjoni kkonċernati u fl-interess tal-konsistenza u l-koerenza, jenħtieġ li d-definizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu allinjati **kemm jista'** **jkun** mad-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/681 u fir-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API] **u jiġu** interpretati u applikati fid-dawl tagħhom²⁹.

²⁹ ĠU C , , p. .

Emenda

(9) Fid-dawl tar-relazzjoni mill-qrib bejn l-atti tad-dritt tal-Unjoni kkonċernati u fl-interess tal-konsistenza u l-koerenza, jenħtieġ li d-definizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu allinjati mad-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/681 u fir-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], interpretati u applikati fid-dawl tagħhom²⁹.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) B'mod partikolari, il-punti ta' informazzjoni li flimkien jikkostitwixxu d-

Emenda

(10) B'mod partikolari, il-punti ta' informazzjoni li flimkien jikkostitwixxu d-

data tal-API li għandha tinġabar u sussegwentement tīgi ttrasferita skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu dawk elenkti b'mod ċar u eżawrjenti fir-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], li jkopru kemm l-informazzjoni relatata ma' kull passiġġier kif ukoll l-informazzjoni dwar it-titjira ta' dak ***il-vjaġġatur***. Skont dan ir-Regolament, tali informazzjoni dwar it-titjiriet jenħtieġ li tkopri informazzjoni dwar il-punt ta' qsim tal-fruntiera tad-dħul fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat biss fejn applikabbli, jiġifieri, mhux meta d-data tal-API tkun relatata ma' titjiriet intra-UE.

data tal-API li għandha tinġabar u sussegwentement tīgi ttrasferita skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ***l-istess bħal*** dawk elenkti b'mod ċar u eżawrjenti fir-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], li jkopru kemm l-informazzjoni relatata ma' kull passiġġier kif ukoll l-informazzjoni dwar it-titjira ta' dak ***il-passiġġier***. Skont dan ir-Regolament, tali informazzjoni dwar it-titjiriet jenħtieġ li tkopri informazzjoni dwar il-punt ta' qsim tal-fruntiera tad-dħul fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat biss fejn applikabbli, jiġifieri, mhux meta d-data tal-API tkun relatata ma' titjiriet intra-UE.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti ***kemm jista' jkun*** dwar il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru, jenħtieġ li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], fejn xieraq. ***Dan*** jikkonċerna, b'mod partikolari, ir-regoli dwar il-kwalità tad-data, ***l-użu mit-trasportaturi tal-ajru ta' mezzi awtomatizzati għal tali ġbir***, il-mod preċiż li bih għandhom jittrasferixxu d-data tal-API miġbura lir-router u t-tħassir tad-data tal-API.

Emenda

(11) Sabiex jiġi żgurat approċċ ***li jkun kemm jista' jkun*** konsistenti dwar il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru, jenħtieġ li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], fejn xieraq. ***Dak l-allinjament*** jikkonċerna, b'mod partikolari, ir-regoli dwar il-kwalità tad-data, il-mod preċiż li bih għandhom jittrasferixxu d-data tal-API miġbura lir-router, ***il-kriptagħġ tad-data tal-API fi tranżitu***, u t-tħassir tad-data tal-API. ***Barra minn hekk, u kif stabbilit f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) fil-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], jenħtieġ li t-trasportaturi tal-ajru jkunu meħtieġa jiġbru d-data tal-API bl-użu ta' mezzi awtomatizzati, spċċifikament billi jaqraw l-informazzjoni mid-data li tinqara minn magna tad-dokument tal-ivyjaġġar.*** ***Madankollu, meta l-użu ta' tali mezzi awtomatizzati ma jkunx possibbli, it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jiġbru d-***

data tal-API manwalment, jew bħala parti mill-proċess tar-reġistrazzjoni online, jew bħala parti mir-reġistrazzjoni fl-ajrūport, b'tali mod li jiżguraw il-konformità mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Il-ġbir tad-data tal-API b'mezzi awtomatizzati jenħtieġ li jkun strettament limitat għad-data alfanumerika li tinsab fid-dokument tal-ivvjaġġar u jenħtieġ li ma jwassalx għall-ġbir ta' kwalunkwe data bijometrika minnu. Peress li l-ġbir tad-data tal-API huwa parti mill-proċess tar-reġistrazzjoni, jew online jew fl-ajrūport, jenħtieġ li ma tinkludix obbligu għat-trasportaturi tal-ajru li jivverifikaw dokument tal-ivvjaġġar tal-passiġġier fil-mument tal-imbark. Il-konformità ma' dan ir-regolament jenħtieġ li ma tinkludi l-ebda obbligu għall-passiġġieri li jinġarr dokument tal-ivvjaġġar fil-mument tal-imbark.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) Ir-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament u mill-atti delegati u ta' implimentazzjoni korrispondenti jenħtieġ li jwasslu għal implimentazzjoni uniformi mil-linji tal-ajru, u b'hekk jimminimizzaw l-ispiża tal-interkonnessjoni tas-sistemi rispettivi tagħhom. Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni armonizzata ta' dawk ir-rekwiżiti mil-linji tal-ajru, b'mod partikolari fir-rigward tal-istruttura, il-

format u l-protokoll tat-trażmissjoni tad-data, jenħtieġ li l-Kummissjoni, abbażi tal-kooperazzjoni tagħha mal-PIUs, mal-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra, mat-trasportaturi tal-ajru, u mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, tiżgura li l-manwal prattiku jipprovdi l-gwida u l-kjarifiki kollha meħtieġa.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 11c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11c) Sabiex tittejjeb il-kwalità tad-data, ir-router jenħtieġ li jivverifika jekk id-data tal-API ttrasferita lilu mit-trasportaturi tal-ajru tikkonformax mal-formati tad-data appoġġati. Meta r-router ikun ivverifika li d-data mhijiex konformi mal-formati tad-data appoġġati, ir-router jenħtieġ li, immedjatamente u b'mod awtomatizzat, jinnotifika lit-trasportatur tal-ajru kkonċernat tiegħu.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 11d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11d) Sabiex jitnaqqas l-impatt fuq it-trasportaturi tal-ajru, u bl-għan li jinħolqu sinerġji ma' obbligi oħra ta' rapportar fuq it-trasportaturi tal-ajru fir-Regolament (UE) 2017/2226, fir-Regolament (UE) 2018/1240 u fir-Regolament (KE) 767/2008 u tiġi evitata d-duplikazzjoni, jenħtieġ li t-trasportaturi tal-ajru jittrasferixxu d-data tal-API fil-mument tar-reġistrazzjoni ta' kull passiġġier permezz ta' API interattiva f'konformità mal-istandards internazzjonali, bl-użu tal-gateway tat-trasportaturi eżistenti. It-trasportaturi tal-

ajru jenħtieġ li jirċieu konferma tar-riċevuta għat-trasferiment ta' API interattiva, f'konformità mal-istandard internazzjonali. Jenħtieġ li l-użu ta' API interattiva ma jwassalx għal ċaħda awtomatika ta' imbark.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 11e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11e) Jenħtieġ li l-passiġġieri jkunu jistgħu jipprovdu ċerta data tal-API huma stess matul proċess ta' regiestrazzjoni online. Dawn il-mezzi jistgħu, pereżempju, jinkludu applikazzjoni sigura fuq smartphone, kompjuter jew webcam tal-passiġġieri bil-kapaċità li jaqraw id-data li tinqara minn magna tad-dokument tal-ivvjaġġar. Meta l-passiġġieri ma jkunux għamlu r-regiestrazzjoni online, jenħtieġ li t-trasportaturi tal-ajru jipprovdu il-possibbiltà li jiprovdu d-data meħtieġa tal-API li tinqara minn magna kkonċernata matul ir-regiestrazzjoni fl-ajrport bl-assistenza ta' kiosk self-service jew ta' persunal tal-ajru mal-bank tar-regiestrazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-obbligi skont dan ir-Regolament ma jwasslux għal ostakli sproporzjonati għall-passiġġieri li ma jkunux jistgħu jużaw mezzi online għal regiestrazzjoni awtomatizzata, bħal tariffi addizzjonali għar-regiestrazzjoni fl-ajrport.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 11f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11f) Jenħtieġ li s-sistemi awtomatiċi tal-ġbir tad-data u proċessi oħra stabbiliti

skont dan ir-Regolament ma jkollhomx impatt negattiv fuq l-impiegati fl-industrija tal-avjazzjoni, li jenħtieġ li jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid li jżidu l-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-ġbir u t-trasferimenti tad-data kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Sabiex jiġi żgurat l-ipproċessar konġunt tad-data tal-API u tad-data tal-PNR biex jiġu miġġielda b'mod effettiv it-terroriżmu u l-kriminalitā serja fl-Unjoni u fl-istess ħin tiġi minimizzata l-interferenza mad-drittijiet fundamentali tal-passiġġieri protetti skont il-Karta, jenħtieġ li l-PIUs ikunu ***l-awtoritajiet*** kompetenti fl-Istati Membri li jkunu fdati biex jirċievu, u sussegwentement jipproċessaw u jipproteġu ulterjorment, id-data tal-API miġbura u ttrasferita skont dan ir-Regolament. Fl-interess tal-effiċjenza u biex jiġi minimizzat kwalunkwe riskju għas-sigurtà, jenħtieġ li r-router, kif iddisinjat, żviluppat, ospitat u teknikament miżimum mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) f'konformità mar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], jittrażmetti d-data tal-API, miġbura u ttrasferita lilu mit-trasportaturi tal-ajru skont dan ir-Regolament, lill-PIUs rilevanti. Minħabba l-livell meħtieġ ta' protezzjoni tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, inkluż biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalitā tal-informazzjoni kkonċernata, jenħtieġ li d-data tal-API tiġi trażmessha mir-router lill-PIUs rilevanti b'mod awtomatizzat.

Emenda

(12) Sabiex jiġi żgurat l-ipproċessar konġunt tad-data tal-API u tad-data tal-PNR biex jiġu miġġielda b'mod effettiv it-terroriżmu u l-kriminalitā serja fl-Unjoni u fl-istess ħin tiġi minimizzata l-interferenza mad-drittijiet fundamentali tal-passiġġieri protetti skont il-Karta, jenħtieġ li l-PIUs ikunu ***l-uniċi awtoritajiet*** kompetenti fl-Istati Membri li jkunu fdati biex jirċievu, u sussegwentement jipproċessaw u jipproteġu ulterjorment, id-data tal-API miġbura u ttrasferita skont dan ir-Regolament. Fl-interess tal-effiċjenza u biex jiġi minimizzat kwalunkwe riskju għas-sigurtà, jenħtieġ li r-router, kif iddisinjat, żviluppat, ospitat u teknikament miżimum mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) f'konformità mar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], jittrażmetti d-data tal-API, miġbura u ttrasferita lilu mit-trasportaturi tal-ajru skont dan ir-Regolament, lill-PIUs rilevanti. Minħabba l-livell meħtieġ ta' protezzjoni tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, inkluż biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalitā tal-informazzjoni kkonċernata, jenħtieġ li d-data tal-API tiġi trażmessha mir-router lill-PIUs rilevanti b'mod awtomatizzat.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Bil-ħsieb li jiġi għarantit l-issodis far tad-drittijiet previsti skont il-Karta u li jiġu żgurati għażiż li tal-ivvja ġġar aċċessibbli u inklużivi, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli u l-persuni b'diżabbiltà, it-trasportaturi tal-ajru, bl-appoġġ tal-Istat Membri, jenħtieġ li jiżguraw li tkun possibbli f'kull ħin alternattiva offline għar-reġistrazzjoni u għall-forniment tad-data meħtieġa mill-passiġġieri.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Għal titjiriet barra l-UE, il-PIU tal-Istat Membri li fit-territorju tiegħu se tinżel it-titjira u/jew li ***mit-territorju tiegħu*** se titlaq it-titjira jenħtieġ li tirċievi d-data tal-API mir-router għal dawk it-titjiriet kollha, ***minħabba li d-data*** tal-PNR tinġabar ***għal dawk it-titjiriet kollha*** f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/681. Jenħtieġ li r-router jidentifika t-titjira u l-PIUs korrispondenti bl-użu tal-informazzjoni li tinsab fil-lokalizzatur tar-rekords tal-PNR, element tad-data komuni għas-settijiet tad-data kemm tal-API kif ukoll tal-PNR li jippermetti l-iproċessar konġunt tad-data tal-API u tad-data tal-PNR mill-PIUs.

(13) Għal titjiriet barra l-UE, il-PIU tal-Istat Membri li fit-territorju tiegħu se tinżel it-titjira u/jew li ***minnu*** se titlaq it-titjira jenħtieġ li tirċievi d-data tal-API mir-router għal dawk it-titjiriet kollha, ***id-data*** tal-PNR tinġabar f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/681. Jenħtieġ li r-router jidentifika t-titjira u l-PIUs korrispondenti bl-użu tal-informazzjoni li tinsab fil-lokalizzatur tar-rekords tal-PNR, element tad-data komuni għas-settijiet tad-data kemm tal-API kif ukoll tal-PNR li jippermetti l-iproċessar konġunt tad-data tal-API u tad-data tal-PNR mill-PIUs.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-rigward tat-titjiriet intra-UE, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), sabiex tīgi evitata interferenza bla bżonn mad-drittijiet fundamentali rilevanti protetti skont il-Karta u biex tīgi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tal-persuni u l-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni, jenħtieġ li jiġi previst approċċ selettiv. Minħabba l-importanza li jiġi żgurat li d-data tal-API tkun tista' tīgi pproċessata flimkien mad-data tal-PNR, jenħtieġ li dak l-approċċ jiġi allinjat ma' dak tad-Direttiva (UE) 2016/681. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li d-data tal-API dwar dawk it-titjiriet tīgi trażmessha biss mir-router lill-PIUs rilevanti, fejn l-Istati Membri jkunu għażlu t-titjiriet ikkonċernati b'applikazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2016/681. Kif imfakkar mill-QĠUE, l-għażla tinvolvi li l-Istati Membri jimmiraw l-obbligi inkwistjoni biss lejn, fost l-oħrajn, ċerti rotot, xejriet tal-ivvjaġġar jew ajruporti, soġġetti għar-rieżami regolari ta' dik l-ġħażla.

Emenda

(14) Fir-rigward tat-titjiriet intra-UE, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), sabiex tīgi evitata interferenza bla bżonn mad-drittijiet fundamentali rilevanti ***tal-passiġġieri*** protetti skont il-Karta u biex tīgi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tal-persuni u l-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni, jenħtieġ li jiġi previst approċċ selettiv. ***Dan huwa bl-eċċeżżjoni ta' sitwazzjonijiet ta' theddida terroristika ġenwina u preżenti jew prevedibbli, fejn l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu japplikaw id-Direttiva (UE) 2016/681 għat-titjiriet kollha intra-UE li jaslu jew jitilqu mit-territorju tagħhom, f-deċiżjoni li tkun limitata fiziż-żmien għal dak li huwa strettament meħtieġ u li hija miftuħha għal rieżami effettiv.*** Minħabba l-importanza li jiġi żgurat li d-data tal-API tkun tista' tīgi pproċessata flimkien mad-data tal-PNR, jenħtieġ li dak l-approċċ jiġi allinjat ma' dak tad-Direttiva (UE) 2016/681. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li d-data tal-API dwar dawk it-titjiriet tīgi trażmessha biss mir-router lill-PIUs rilevanti, fejn l-Istati Membri jkunu għażlu t-titjiriet ikkonċernati b'applikazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2016/681. Kif imfakkar mill-QĠUE, l-għażla tinvolvi li l-Istati Membri jimmiraw l-obbligi inkwistjoni biss lejn, fost l-oħrajn, ċerti rotot, xejriet tal-ivvjaġġar jew ajruporti, soġġetti għar-rieżami regolari ta' dik l-ġħażla. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kriterji tal-ġħażla jkunu rilevanti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja u jenħtieġ li juru rabta oġġettiva, jew suspecti ta' rabta, mal-ġarr ta' passiġġieri bl-ajru.***

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi metodoloġija komuni għat-twettiq tal-valutazzjoni tat-theddid li abbażi tagħha l-Istati Membri jenħtieġ li joperaw għażla ta' titjuriet intra-UE. Dik il-metodoloġija komuni jenħtieġ li tgħin ukoll biex jiġu evitati prattiki diverġenti fost l-Istati Membri u tippermetti superviżjoni effettiva mill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni ta' dak l-approċċ selettiv skont dan ir-Regolament fir-rigward ta' titjuriet intra-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jfasslu u jissottomettu lill-eu-LISA l-listi tat-titjuriet li jkunu għażlu, sabiex l-eu-LISA tkun tista' tiżgura li għal dawk it-titjuriet biss ***id-data tal-API*** tiġi trażmessu mir-router lill-PIUs rilevanti u li d-data tal-API dwar titjuriet intra-UE oħrajn titħassar minnufih u b'mod permanenti.

(15) Sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni ta' dak l-approċċ selettiv skont dan ir-Regolament fir-rigward ta' titjuriet intra-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jfasslu u jissottomettu lill-eu-LISA l-listi tat-titjuriet li jkunu għażlu, sabiex l-eu-LISA tkun tista' tiżgura li ***d-data tal-API*** għal dawk it-titjuriet biss tīgi trażmessu mir-router lill-PIUs rilevanti u li d-data tal-API dwar titjuriet intra-UE oħrajn titħassar minnufih u b'mod permanenti.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Sabiex tiżdied il-koeżjoni fost l-approċċi selettivi li jieħdu l-Istati Membri

differenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju regolari ta' fehmiet dwar l-għażla tal-kriterji tal-għażla, inkluża l-kondiżjoni tal-aħjar prattika, kif ukoll, fuq bażi volontarja, ta' titjiriet magħżula.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Sabiex ma tiġix ipperikolata l-effettività tas-sistema li tibbaża fuq il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API stabbilita b'dan ir-Regolament, u tad-data tal-PNR skont is-sistema stabbilita bid-Direttiva (UE) 2016/681, għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, b'mod partikolari billi jinħoloq ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni, l-informazzjoni dwar liema titjiriet intra-UE ntgħażlu mill-Istati Membri jenħtieġ li tīgħi ttrattata b'mod kufidenzjali. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li tali informazzjoni ma tiġix kondiżja mat-trasportaturi tal-ajru u, għalhekk, jenħtieġ li huma jkunu meħtieġa jiġbru d-data tal-API dwar it-titjiriet kollha koperti minn dan ir-Regolament, inklużi ttitjiriet intra-UE kollha, u mbagħad jittrasferuha lir-router, fejn jenħtieġ li tīgħi ppromulgata l-għażla meħtieġa. Barra minn hekk, bil-ġbir tad-data tal-API dwar it-titjiriet intra-UE kollha, il-passiġġieri ma jiġux mgħarrfa fuq liema titjiriet intra-UE magħżula d-data tal-API u, b'hekk ukoll tal-PNR, tīgħi trażmessha lill-PIUs f'konformità mal-valutazzjoni tal-Istati Membri. Dak l-aprocċċi jiżgura wkoll li kwalunkwe bidla relatata ma' dik l-għażla tkun tista' tīgħi implementata malajr u b'mod effettiv, mingħajr ma jiġi impost kwalunkwe piżżejk ekonomiku u operazzjonali bla bżonn fuq it-trasportaturi tal-ajru.

Emenda

(16) Sabiex ma tiġix ipperikolata l-effettività tas-sistema li tibbaża fuq il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API stabbilita b'dan ir-Regolament, u tad-data tal-PNR skont is-sistema stabbilita bid-Direttiva (UE) 2016/681, għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, b'mod partikolari billi jinħoloq ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni, l-informazzjoni dwar liema titjiriet intra-UE ntgħażlu mill-Istati Membri jenħtieġ li tīgħi ttrattata b'mod kufidenzjali. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li tali informazzjoni ma tiġix kondiżja mat-trasportaturi tal-ajru u, għalhekk, jenħtieġ li huma jkunu meħtieġa jiġbru d-data tal-API dwar it-titjiriet kollha koperti minn dan ir-Regolament, inklużi ttitjiriet intra-UE kollha, u mbagħad jittrasferuha lir-router, fejn jenħtieġ li tīgħi ppromulgata l-għażla meħtieġa. Barra minn hekk, bil-ġbir tad-data tal-API dwar it-titjiriet intra-UE kollha, il-passiġġieri ma jiġux mgħarrfa fuq liema titjiriet intra-UE magħżula d-data tal-API u, b'hekk ukoll tal-PNR, tīgħi trażmessha lill-PIUs f'konformità mal-valutazzjoni tal-Istati Membri. Dak l-aprocċċi jiżgura wkoll li kwalunkwe bidla relatata ma' dik l-għażla tkun tista' tīgħi implementata malajr u b'mod effettiv, mingħajr ma jiġi impost kwalunkwe piżżejk ekonomiku u operazzjonali bla bżonn fuq it-trasportaturi tal-ajru.

Madankollu, id-data tal-API jenħtieġ li

ma tinġabarx u ma tiġix ittrasferita fuq dawk it-titjiriet fejn la l-Istat Membru tattluq u lanqas l-Istat Membru tal-wasla ta' titjiriet intra-UE ma jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li japplikaw id-Direttiva (UE) 2016/681 għal titjiriet intra-UE, skont l-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Dan ir-Regolament ma jippermettix il-ġbir u t-trasferiment ta' data tal-API fuq titjiriet intra-UE għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, skont il-liġi tal-Unjoni u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 25

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Fl-interess li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali u f'konformità mar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], jenħtieġ li dan ir-Regolament jidentifika l-kontrolluri. Fl-interess ta' monitoraġġ effettiv, l-iżgurar ta' protezzjoni adegwata tad-data personali u l-minimizzazzjoni tar-riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li jiġu previsti wkoll regoli dwar ir-reġistrazzjoni, is-sigurtà tal-ipproċessar u l-awtomonitoraġġ. Meta jkunu relatati mal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jinfieħmu bħala li jikkomplementaw l-atti ġeneralment applikabbli tad-dritt tal-

(17) Fl-interess li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt fundamentali **tal-passiġġieri** għall-protezzjoni tad-data personali **tagħhom** u f'konformità mar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], jenħtieġ li dan ir-Regolament jidentifika l-kontrolluri. Fl-interess ta' monitoraġġ effettiv, l-iżgurar ta' protezzjoni adegwata tad-data personali u l-minimizzazzjoni tar-riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li jiġu previsti wkoll regoli dwar ir-reġistrazzjoni, is-sigurtà tal-ipproċessar u l-awtomonitoraġġ. Meta jkunu relatati mal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jinfieħmu bħala li jikkomplementaw l-atti ġeneralment

Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹ u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³². Jenħtieġ li dawk l-atti, li japplikaw ukoll għall-ipproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu, ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

applikabbli tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹ u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³². Jenħtieġ li dawk l-atti, li japplikaw ukoll għall-ipproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu, ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

³¹ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.

³² Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

³¹ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.

³² Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) Filwaqt li jqisu d-dritt tal-passiġġieri li jiġu infurmati dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-passiġġieri jiġu pprovdu b'informazzjoni preciżha dwar il-ġbir tad-data tal-API, it-trasferiment ta' dik id-data lill-PIU u d-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-data li tkun faċilment aċċessibbli u faċli biex tinfiehem, fil-mument tal-prenotazzjoni tat-titjira u fil-mument tar-reġistrazzjoni.

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 11b (ġdida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(17b) Sabiex tiġi żgurata konformità mad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli dwar l-awditi. L-awditi li l-Istati Membri huma responsabbi għalihom jenħtieġ li jitwettqu mill-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 41 tad-Direttiva (UE) 2016/680 jew minn korp tal-awditjar f'dat b'dan il-kompli mill-awtorità superviżorja.

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 17c (ġdida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(17c) Sabiex jiġi evitat li t-trasportaturi tal-ajru jkollhom jistabbilixxu u jżommu konnessjonijiet multipli mal-PIUs għat-

trasferiment tad-data tal-API u tad-data tal-PNR, u sabiex jiġu evitati l-ineffiċjenzi u r-riskji għas-sigurtà relatati, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal router uniku, maħluq u operat fil-livell tal-Unjoni, li jenħtieġ li jservi bħala punt ta' konnessjoni, ta' filtru u ta' distribuzzjoni għal dawk it-trasferimenti. Fl-interess tal-effiċjenza u tal-kosteffettività, jenħtieġ li r-router, sa fejn ikun teknikament possibbli u b'rispett sħiħ tar-regoli ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], jiddependi fuq komponenti tekniċi minn sistemi rilevanti oħra jnien maħluqin skont id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari s-servizz web imsemmi fir-Regolament (UE) 2017/2226, il-portal tat-trasportaturi msemmi fir-Regolament (UE) 2018/1240 u l-portal tat-trasportaturi msemmi fir-Regolament (KE) 767/2008. Sabiex jitnaqqas l-impatt fuq it-trasportaturi tal-ajru u jiġi żgurat approċċ armonizzat lejn it-trasportaturi tal-ajru, jenħtieġ li l-eu-LISA tiddisinja r-router, sa fejn ikun possibbli mil-lat tekniku u operazzjonali, b'mod li jkun koerenti u konsistenti mal-obbligi imposti fuq it-trasportaturi tal-ajru mir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 17d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17d) Barra minn hekk, sabiex jiġi previst l-istess livell ta' ċarezza u ċertezza, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet relatati mar-router, mas-sigurtà u mal-kompliti ta' appoġġ mill-eu-LISA jiġu riflessi f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API].

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 17e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17e) Jenħtieġ li r-router iservi biss sabiex jiffaċilita t-trażmissjoni tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru lill-PIUs f'konformità ma' dan ir-Regolament, u jenħtieġ li ma jkunx repożitorju tad-data tal-API. Għalhekk, u sabiex jiġi mminimizzat kwalunkwe riskju ta' aċċess mhux awtorizzat jew ta' użu ħażin ieħor u f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, jenħtieġ li ma jsir l-ebda ħażin tad-data tal-API dment li dan ma jkunx strettament neċċesarju għal finijiet tekniċi relatati mat-trażmissjoni u jenħtieġ li d-data tal-API titħassar mir-router, minnufih, b'mod permanenti u awtomatizzat, mill-mument li t-trażmissjoni tkun tlestiet.

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 17f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17f) Bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tat-trażmissjoni tad-data tal-API mir-router, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi regoli tekniċi u proċedurali dettaljati dwar dik it-trażmissjoni. Jenħtieġ li dawk ir-regoli jkunu tali li jiżguraw li t-trażmissjoni tkun sigura, effettiva u rapida u li thallil impatt fuq id-drittijiet tal-ivvjaġġar tal-passiġġieri u fuq it-trasportaturi tal-ajru mhux aktar minn kemm ikun neċċesarju.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Ir-router li għandu jinħoloq u jitħaddem skont ir-Regolament (UE) [il-għażiex mar-ġejja] jenħtieġ li jnaqqas u jissimplifika l-konnessjonijiet tekniċi meħtieġa għat-trasferiment tad-data tal-API, u jillimitahom għal konnessjoni waħda għal kull trasportatur tal-ajru u għal kull PIU. Għalhekk, dan ir-Regolament jipprevedi l-obbligu li l-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru jistabbilixxu tali konnessjoni mar-router u jiksbu l-integrazzjoni meħtieġa miegħu, sabiex jiżguraw li s-sistema għat-trasferiment tad-data tal-API stabbilita minn dan ir-Regolament tkun tista' tiffunzjona kif suppost.

Emenda

(18) Ir-router li għandu jinħoloq u jitħaddem skont **dan** ir-Regolament **u r-Regolament** (UE) [il-għażiex mar-ġejja] jenħtieġ li jnaqqas u jissimplifika l-konnessjonijiet tekniċi meħtieġa għat-trasferiment tad-data tal-API **u d-data tal-PNR**, u jillimitahom għal konnessjoni waħda għal kull trasportatur tal-ajru u għal kull PIU. Għalhekk, dan ir-Regolament jipprevedi l-obbligu li l-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru jistabbilixxu tali konnessjoni mar-router u jiksbu l-integrazzjoni meħtieġa miegħu, sabiex jiżguraw li s-sistema għat-trasferiment tad-data tal-API stabbilita minn dan ir-Regolament tkun tista' tiffunzjona kif suppost. **Id-disinn u l-iżvilupp tar-router mill-eu-LISA jenħtieġ li jippermettu l-konnessjoni u l-integrazzjoni effettivi u effiċċenti tas-sistemi u tal-infrastruttura tat-trasportaturi tal-ajru billi jipprevedu l-istandardi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti kollha. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu pprovduti regoli dettaljati. Meta tiddisinja u tiżviluppa r-router, jenħtieġ li l-eu-LISA tiżgura li d-data tal-API ttrasferita mit-trasportaturi tal-ajru u trażmessu lill-PIUs tiġi kriptata fit-tranżitu.**

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, jenħtieġ li l-kostijiet xierqa mġarrba mill-Istati Membri b'rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħhom mar-router, kif meħtieġ skont dan ir-

Emenda

(19) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, jenħtieġ li l-kostijiet **imġarrba mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u mill-eu-LISA għat-twettiq tal-kompli tagħhom skont dan ir-**

Regolament, jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli u soġġetti għal ċerti ecċeazzjonijiet. Jenħtieġ li l-kostijiet koperti minn dawk l-eċċeazzjonijiet jitħallsu minn kull Stat Membru kkonċernat innifsu.

Regolament fir-rigward tar-router jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni. L-istess għandu japplika għal kostijiet xierqa mġarrba mill-Istati Membri b'rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħhom mar-router u l-kostijiet relatati mal-manutenzjoni ta' dawk il-konnessjonijiet kif meħtieġ skont dan ir-Regolament, jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli u soġġetti għal ċerti ecċeazzjonijiet. Jenħtieġ li l-kostijiet koperti minn dawk l-eċċeazzjonijiet jitħallsu minn kull Stat Membru kkonċernat innifsu. Il-bagħit tal-Unjoni jenħtieġ li jkopri wkoll l-appoġġ, bħata-tħriġ, mill-eu-LISA lit-trasportaturi tal-ajru u lill-PIUs biex jippermetti t-trasferiment u t-trażmissjoni effettivi tad-data tal-API permezz tar-router. Il-kostijiet imġarrba mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali indipendenti fir-rigward tal-kompli fdati lilhom skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġġarrbu wkoll mill-Istati Membri rispettivi.

Emenda 34

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1726, l-Istati Membri jistgħu jafdaw lill-eu-LISA bil-kompli li tiffaċilita l-konnettivitāmat-trasportaturi tal-ajru sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-implementazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/681, b'mod partikolari billi jiġbruu jittrasferixxu d-data tal-PNR permezz tar-router.

Emenda

imħassar

Emenda 35

Proposta għal regolament

Premessa 20a (ġidida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Sabiex kemm it-trasportaturi tal-ajru kif ukoll il-PIUs ikunu jistgħu jagħmlu l-aktar użu effiċċenti tal-konnessjonijiet tagħhom mar-router, jipprevjen kwalunkwe duplikazzjoni tat-trasferimenti u l-ipproċċesar tad-data tal-passiġġieri, u jiżguraw konformità mal-ġurisprudenza tal-QGħUE u jtejbu l-monitoraġġ u s-superviżjoni relatati, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi l-użu obbligatorju tar-router mit-trasportaturi tal-ajru għat-ħaqġiġi tħalli tħalli l-PIUs biex jirċievu tali data. Dan ir-router jenħtieġ li jikkostitwixxi l-uniku mezz meħtieġ u disponibbli biex l-Istati Membri jirrikjedu li t-trasportaturi tal-ajru jikkonformaw mal-obbligli relatati mat-trasferiment tad-data tal-PNR kif previst mid-Direttiva PNR.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 21

Test proposet mill-Kummissjoni

(21) Ma jistax jiġi eskuż li, minħabba ċirkostanzi eċċeżzjonal u minkejja li jkunu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha f'konformità ma' dan ir-Regolament u, ***firrigward tar-router***, mar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], ir-router jew is-sistemi jew l-infrastruttura li jgħaqqu l-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru tagħhom jonqsu milli jiffunzjonaw kif suppost, u b'hekk iwasslu għal impossibbiltà teknika li jintuża r-router biex tīgi trażmessu d-data tal-API. Minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tar-router u li ġenerallment ma jkunx raġonevolment possibbli għat-ħaqġiġi tħalli tħalli l-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru li jittraferixxu d-data tal-API affettwata min-nuqqas b'mod legali, sigur, effettiv u rapidu permezz ta' mezzi alternativi, jenħtieġ li l-obbligu li t-

Emenda

(21) Ma jistax jiġi eskuż li, minħabba ċirkostanzi eċċeżzjonal u minkejja li jkunu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha f'konformità ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], ir-router jew is-sistemi jew l-infrastruttura li jgħaqqu l-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru tagħhom jonqsu milli jiffunzjonaw kif suppost, u b'hekk iwasslu għal impossibbiltà teknika li jintuża r-router biex tīgi trażmessu d-data tal-API. Minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tar-router u li ġenerallment ma jkunx raġonevolment possibbli għat-ħaqġiġi tħalli tħalli l-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru li jittraferixxu d-data tal-API affettwata min-nuqqas b'mod legali, sigur, effettiv u rapidu permezz ta' mezzi alternativi, jenħtieġ li l-obbligu li t-

alternattivi, jenħtieġ li l-obbligu li t-trasportaturi tal-ajru jittrasferixxu d-data tal-API lir-router ma jibqax japplika sakemm tippersisti l-impossibbiltà teknika. Sabiex jiġu minimizzati d-durata u l-konsegwenzi negattivi tagħha, jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati f'każ bħal dan jinformaw minnufih lil xulxin u jieħdu minnufih il-miżuri kollha meħtieġa biex jindirizzaw l-impossibbiltà teknika. Jenħtieġ li dan l-arranġament ikun mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont dan ir-Regolament tal-partijiet kollha kkonċernati biex jiżguraw li r-router u s-sistemi u l-infrastruttura rispettivi tagħhom jiffunzjonaw kif suppost, kif ukoll għall-fatt li t-trasportaturi tal-ajru huma soġġetti għal penali meta jonqsu milli jissodisfaw dawk l-obbligi, inkluż meta jfittxu li jiddependu fuq dan l-arranġament meta tali dipendenza ma tkunx ġustifikata. Sabiex jiskoragħixxu tali abbuż u jiffaċilitaw is-superviżjoni u, fejn meħtieġ, l-impożizzjoni ta' penali, it-trasportaturi tal-ajru li jiddependu fuq dan l-arranġament minħabba l-falliment tas-sistema u l-infrastruttura tagħhom stess jenħtieġ li jirrapportaw dwar dan lill-awtorità superviżorja kompetenti.

Emenda 37

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu penali effettivi, proporzjoni u dissważivi, inklużi dawk finanzjarji, kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru li jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API skont dan ir-Regolament.

Emenda 38

trasportaturi tal-ajru jittrasferixxu d-data tal-API lir-router ma jibqax japplika sakemm tippersisti l-impossibbiltà teknika. Sabiex jiġu minimizzati d-durata u l-konsegwenzi negattivi tagħha, jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati f'każ bħal dan jinformaw minnufih lil xulxin u jieħdu minnufih il-miżuri kollha meħtieġa biex jindirizzaw l-impossibbiltà teknika. Jenħtieġ li dan l-arranġament ikun mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont dan ir-Regolament tal-partijiet kollha kkonċernati biex jiżguraw li r-router u s-sistemi u l-infrastruttura rispettivi tagħhom jiffunzjonaw kif suppost, kif ukoll għall-fatt li t-trasportaturi tal-ajru huma soġġetti għal penali meta jonqsu milli jissodisfaw dawk l-obbligi, inkluż meta jfittxu li jiddependu fuq dan l-arranġament meta tali dipendenza ma tkunx ġustifikata. Sabiex jiskoragħixxu tali abbuż u jiffaċilitaw is-superviżjoni u, fejn meħtieġ, l-impożizzjoni ta' penali, it-trasportaturi tal-ajru li jiddependu fuq dan l-arranġament minħabba l-falliment tas-sistema u l-infrastruttura tagħhom stess jenħtieġ li jirrapportaw dwar dan lill-awtorità superviżorja kompetenti.

Emenda

(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu penali effettivi, proporzjoni u dissważivi, inklużi dawk finanzjarji, kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru li jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API **u tal-PNR** skont dan ir-Regolament.

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23a) Meta jipprevedu l-penali applikabbi għat-trasportaturi tal-ajru skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jqis u jekk huwiex fattibbi mil-lat tekniku, operazzjonali u ekonomiku li jiżguraw l-akkuratezza kompluta tad-data. Barra minn hekk, meta jiġu imposti penali, l-applikazzjoni u l-valur tagħhom jenħtieġ li jiġu stabiliti billi jitqiesu l-azzjonijiet meħuda mill-operatur tal-ajru biex jimmitiga l-kwistjoni kif ukoll il-livell ta' kooperazzjoni tiegħu mal-awtoritatijiet nazzjonali.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23b) Sabiex jinħażnu r-rapporti u l-istatistika tar-router fuq ir-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.^{1a} Ir-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika jenħtieġ li jipprovdi biss statistika bbażata fuq id-data tal-API għall-implimentazzjoni u s-superviżjoni effettiva ta' dan ir-Regolament. Id-data li r-router jittrażmetti awtomatikament lir-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika għal dak l-għan jenħtieġ li ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-passiġġieri kkonċernati. Jenħtieġ li r-router ma jittrażmetti l-ebda data lir-Repożitorju Ċentrali għar-Rappurtar u għall-Istatistika għal dawk it-titjiriet intra-UE li ma jkunux intgħażlu minn Stat Membru abbażi ta' valutazzjoni f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija

għall-għażla ta' titjiriet intra-UE stabbiliti f'dan ir-Regolament.

1a Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn issistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Emenda 40

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Sabiex jiġu adottati miżuri relatati mar-rekwiżiti tekniċi u r-regoli operazzjonali għall-mezzi awtomatizzati għall-ġbir ta' data tal-API li tinqara mill-magni, mal-protokolli u l-formati komuni li għandhom jintużaw għat-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru, marr-regoli tekniċi u proċedurali għat-trażmissjoni tad-data tal-API mir-router u lill-PIUs u mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tal-PIUs u tat-trasportaturi tal-ajru mar-router, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tīġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikoli 4, 5, 10 u 11, rispettivament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonal dwar it-Tfassil

Emenda

(24) Sabiex jiġu adottati miżuri relatati mar-rekwiżiti tekniċi u r-regoli operazzjonali għall-mezzi awtomatizzati għall-ġbir ta' data tal-API li tinqara mill-magni, mal-protokolli u l-formati komuni li għandhom jintużaw għat-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru, marr-regoli tekniċi u proċedurali għat-trażmissjoni tad-data tal-API mir-router u lill-PIUs u mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tal-PIUs u tat-trasportaturi tal-ajru mar-router, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tīġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikoli 4, 5, 10 u 11, rispettivament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa **mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi t-trasportaturi tal-ajru**, matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu

Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016³³. B'mod partikolari, biex tīgħi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-experti tal-Istati Membri, u l-experti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-experti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

³³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 41

Proposta għal regolament Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) Huwa importanti li tinġabar statistika affidabbli u utli bbażata fuq l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jiġu appoġġati l-objettivi tiegħu u jservu bħala informazzjoni għall-evalwazzjonijiet fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li din l-istatistika ma tinkludi l-ebda informazzjoni identifikabbli personalment. Jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, l-Europol u, fejn xieraq, it-trasportaturi bl-ajru, ikollhom aċċess għal-dik l-istatistika.

Emenda 42

Proposta għal regolament Premessa 24b (ġdida)

f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016³³. B'mod partikolari, biex tīgħi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-experti tal-Istati Membri, u l-experti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-experti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. *Filwaqt li jitqies l-oħra livell ta' żvilupp tekniku, dawk ir-rekwiżiti tekniċi u r-regoli jistgħu jinbidlu maż-żmien.*

³³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(24b) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament, jiġifieri fir-rigward tal-bidu tal-operazzjonijiet tar-router, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implementazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.

^{1a} **Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).**

Emenda 43

Proposta għal regolament Premessa 25

Test proposet mill-Kummissjoni

(25) Il-partijiet interessati kollha u, b'mod partikolari, it-trasportaturi tal-ajru u l-PIUs, jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jagħmlu t-tħejjijiet meħtieġa biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament, filwaqt li jitqies li xi wħud minn dawk it-tħejjijiet, bħal dawk li jirrigwardaw l-obbligi dwar il-konnessjoni u l-integrazzjoni mar-router, jistgħu jiġu ffinalizzati biss meta jkunu tlelew il-fażċiċċi tad-disinn u tal-iżvilupp tar-router u r-router jibda jopera. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jaapplika biss minn data xierqa wara d-data li fiha r-router jibda jopera, kif speċifikat mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri

Emenda

(25) Il-partijiet interessati kollha u, b'mod partikolari, it-trasportaturi tal-ajru u l-PIUs, jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jagħmlu t-tħejjijiet meħtieġa biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament, filwaqt li jitqies li xi wħud minn dawk it-tħejjijiet, bħal dawk li jirrigwardaw l-obbligi dwar il-konnessjoni u l-integrazzjoni mar-router, jistgħu jiġu ffinalizzati biss meta jkunu tlelew il-fażċiċċi tad-disinn u tal-iżvilupp tar-router u r-router jibda jopera. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jaapplika biss minn data xierqa wara d-data li fiha r-router jibda jopera, kif speċifikat mill-Kummissjoni f'konformità **ma' dan ir-Regolament u** mar-Regolament (UE) [il-

tal-API]. *Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kummissjoni tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament diġà minn data aktar bikrija, sabiex tiżgura li s-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament tkun operattiva mill-aktar fis possibbli.*

ġestjoni tal-fruntieri tal-API].

Emenda 44

Proposta għal regolament Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun soġġett għal evalwazzjonijiet regolari biex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tiegħu. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ġbir tad-data tal-API ma jkunx għad-detriment tal-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' passiġġieri leġittimi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti ta' evalwazzjoni regolari tagħha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' passiġġieri leġittimi.

Emenda 45

Proposta għal regolament Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25b) Minħabba li dan ir-Regolament se jirrikjedi aġġustamenti min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru kif ukoll kostijiet amministrattivi addizzjonali, jenħtieġ li l-piż regolatorju ġenerali għas-settural tal-avjazzjoni jinżamm taħt rieżami mill-qrib. F'dan l-isfond, ir-rapport li jevalwa l-funzjonament ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jivvaluta l-punt sa fejn ikunu ntlaħqu l-objettivi tar-Regolament u sa liema punt dan kellu impatt fuq il-

kompetittività tas-settur. Għalhekk, jenħtieġ li r-rapport tal-Kummissjoni jwettaq ukoll valutazzjoni olistika u jirreferi għall-interazzjoni ta' dan ir-Regolament ma' atti leġiż-lattivi rilevanti oħra tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008. Ir-rapport jenħtieġ li jivvaluta l-impatt ġenerali tal-obbligi ta' rapportar relatati fuq it-trasportaturi tal-ajru, filwaqt li jidentifika d-dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu aġġornati u ssimplifikati, meta xieraq, biex jimmitigaw il-piż fuq it-trasportaturi tal-ajru, kif ukoll l-azzjonijiet u l-miżuri li jkunu ttieħdu jew li jistgħu jittieħdu biex titnaqqas il-pressjoni tal-kostijiet totali fuq is-settur tal-avjazzjoni.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) il-ġbir mit-trasportaturi tal-ajru ta' data ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (“data tal-API”) dwar titjiriet barra l-UE u titjiriet intra-UE **magħżula**;

Emenda

- (a) il-ġbir mit-trasportaturi tal-ajru ta' data ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (“data tal-API”) dwar titjiriet barra l-UE u titjiriet intra-UE;

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) it-trażmissjoni mir-router lill-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (“PIUs”) tad-data tal-API dwar titjiriet barra l-UE u titjiriet intra-UE magħżula.

Emenda

- (c) it-trażmissjoni mir-router lill-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (“PIUs”) tad-data tal-API **u d-data tal-PNR** dwar titjiriet barra l-UE u titjiriet intra-UE magħżula.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Dan ir-Regolament huwa mingħajr
preġudizzju għar-Regolament (UE)
2016/679, ir-Regolament (UE) 2018/1725
u d-Direttiva (UE) 2016/680.*

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) “titjira intra-UE” tfisser kwalunkwe titjira kif definita fil-punt (3) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2016/681;

(c) “titjira intra-UE” tfisser kwalunkwe titjira kif definita fil-punt (3) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2016/681, *bl-eċċeżżoni ta’ dawk it-titjiriet li għalihom la l-Istat Membru minn fejn it-titjira hija skedata li titlaq, u lanqas l-Istat Membru fejn it-titjira hija skedata li tinżel, ma nnotifikaw id-deċiżjoni tagħhom li japplikaw id-Direttiva 2016/681 għal titjiriet intra-UE, skont l-Artikolu 2 ta’ dik id-Direttiva;*

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) “titjira skedata” tfisser titjira kif definita fil-punt (e) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API];

(d) “titjira skedata” tfisser titjira **kummerċjali** kif definita fil-punt (e) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API];

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test proposet mill-Kummissjoni

(e) “titjira mhux skedata” tfisser titjira kif definita fil-punt (f) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API];

Emenda

(e) “titjira mhux skedata” tfisser titjira **kummerċjali** kif definita fil-punt (f) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API];

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g

Test proposet mill-Kummissjoni

(g) “ekwipagħ” tfisser kwalunkwe persuna kif definita fil-punt (**h**) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API];

Emenda

(g) “ekwipagħ” tfisser kwalunkwe persuna kif definita fil-punt (**i**) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API];

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h

Test proposet mill-Kummissjoni

(**h**) “vjaġġatur” tfisser kwalunkwe persuna kif definita fil-punt (**i**) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API];

imħassar

Emenda

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

Test proposet mill-Kummissjoni

(i) “data ta’ informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri” jew “data tal-API” tfisser id-data kif definita fil-punt (**j**) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API];

Emenda

(i) “data ta’ informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri” jew “data tal-API” tfisser id-data kif definita fil-punt (**k**) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API];

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) “kriminalità serja” tfisser ir-reati kif definiti fil-punt (9) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2016/681;

Emenda

(m) “kriminalità serja” tfisser ir-reati kif definiti fil-punt (9) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2016/681;

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) “router” tfisser ir-router kif *definit fil-punt (k) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API]*;

Emenda

(n) “router” tfisser ir-router kif *imsemmi fl-Artikolu 4b*;

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API ***tal-vjaġġaturi*** fuq it-titjiriet imsemmija fl-Artikolu 2, għall-fini tat-trasferiment ta’ dik id-data tal-API lir-router f’konformità mal-paragrafu 6. Meta t-titjira jkollha l-kodiċi kondiviż bejn trasportatur tal-ajru wieħed jew aktar, huwa t-trasportatur bl-ajru li jopera t-titjira li għandu jkollu l-obbligu li jittrasferixxi d-data tal-API.

Emenda

1. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API ***tal-passiġġieri, li tikkonsisti minn data tal-passiġġieri u informazzjoni dwar it-titjira speċifikati fil-paragrafi 1a u 1b ta’ dan l-Artikolu, rispettivament***, fuq it-titjiriet imsemmija fl-Artikolu 2, għall-fini tat-trasferiment ta’ dik id-data tal-API lir-router f’konformità mal-paragrafu 6. Meta t-titjira jkollha l-kodiċi kondiviż bejn trasportatur tal-ajru wieħed jew aktar, huwa t-trasportatur bl-ajru li jopera t-titjira li għandu jkollu l-obbligu li jittrasferixxi d-data tal-API.

Emenda 58

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- 1a. Id-data tal-API għandha tikkonsisti biss mid-data tal-passiġġieri li ġejja relatata ma' kull passiġġier fuq it-titjira:*
- (a) il-kunjom (isem il-familja), l-ewwel isem jew l-ismijiet (l-ismijiet mogħtija);*
 - (b) id-data tat-twelid, is-sess u n-nazzjonaliità;*
 - (c) it-tip u n-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż li jkun ħareġ id-dokument tal-ivvjaġġar;*
 - (d) id-data tal-iskadenza tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar;*
 - (e) in-numru li jidentifika registry tal-ismijiet tal-passiġġieri użat minn trasportatur tal-ajru sabiex isib passiġġier fis-sistema ta' informazzjoni tiegħu (lokallizzatur tar-rekords tal-PNR);*
 - (f) in-numru tas-sit fl-ingenu tal-ajru assenjat lil passiġġier, meta l-operatur tal-ajru jkun jiġbor tali informazzjoni;*
 - (g) in-numru u l-piż tal-bagalji ppreżentati fir-reġistrazzjoni, meta l-operatur tal-ajru jkun jiġbor tali informazzjoni.*

Emenda 59

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- 1b. Id-data tal-API għandha wkoll tikkonsisti biss minn informazzjoni dwar it-titjira li ġejja relatata mat-titjira ta' kull passiġġier:*
- (a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-titjira jew, meta t-titjira jkollha l-kodiċi kondiviż bejn operatur tal-ajru wieħed jew*

aktar, in-numri ta' identifikazzjoni tat-titjiriet, jew, jekk ma jkun jeżisti l-ebda numru bħal dan, mezzi ċari u xierqa oħrajn sabiex tiġi identifikata t-titjira;

(b) *meta applikabbli, il-punt ta' qsim tal-fruntiera tad-dħul fit-territorju tal-Istat Membru;*

(c) *il-kodiċi tal-ajrūport tad-dħul fit-territorju tal-Istat Membru;*

(d) *il-post inizjali tal-imbark;*

(e) *id-data u l-ħin stmat lokali tat-tluq;*

(f) *id-data u l-ħin stmat lokali tal-wasla.*

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-ġbir tad-data tal-API f'konformità mal-ewwel subparagrafu ma għandux jinkludi obbligu għat-trasportaturi tal-ajru li jivverifikaw id-dokument tal-ivvjaġġar fil-mument tal-imbark tal-ingenu tal-ajru jew obbligu għall-passiġġieri li jġorru dokument tal-ivvjaġġar meta jivvjaġġaw, mingħajr preġudizzju għal atti tal-liġi nazzjonali li huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

It-transportaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API msemmija fil-punti minn (a) sa (d) **tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) /il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API/ bl-użu ta' mezzi awtomatizzati biex tinġabar id-data li tinqara mill-magni tad-dokument tal-ivvjaġġar **tal-passiġġier** ikkonċernat. It-**

It-transportaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API msemmija fil-punti minn (a) sa (d) **tal-paragrafu 1a (ġidid)** bl-użu ta' mezzi awtomatizzati biex tinġabar id-data li tinqara mill-magni tad-dokument tal-ivvjaġġar **tal-passiġġier** ikkonċernat. It-

tal-ivvjaġġar ***tal-vjaġġatur*** ikkonċernat.
Huma għandhom jagħmlu dan
f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi
dettaljati u mar-regoli operazzjonali
msemmija fil-paragrafu 5, ***fejn*** tali regoli
jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

*trasportaturi tal-ajru għandhom jiġbru
dik id-data matul il-proċeduri tar-
reġistrazzjoni, jew bħala parti mir-
reġistrazzjoni online jew bħala parti mir-
reġistrazzjoni l-ajrupo. Huma għandhom
jagħmlu dan f'konformità mar-rekwiżiti
tekniċi dettaljati u mar-regoli operazzjonali
msemmija fil-paragrafu 5, ***ladarba*** tali
regoli jkunu ġew adottati u jkunu
applikabbli, ***u, b'mod partikolari, billi***
jużaw l-aktar mezzi awtomatizzati
affidabbli disponibbli biex jiġbru d-data li
***tinqara minn magna tad-dokument tal-
ivvjaġġar rispettiv.****

Emenda 62

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagraphu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Il-ġbir ta' data tal-API b'mezzi
awtomatizzati ma għandux iwassal għall-
ġbir ta' kwalunkwe data bijometrika li
tinsab fid-dokument tal-ivvjaġġar.*

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagraphu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Meta t-trasportaturi tal-ajru jipprovdu
proċess ta' reġistrazzjoni online, huma
għandhom jippermettu lill-passiġġieri
jipprovdu d-data tal-API msemmija fil-
paragrafu 1a, il-punti (a) sa (d), matul il-
proċess tar-reġistrazzjoni online, permezz
ta' mezzi awtomatizzati.*

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagraphu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Madankollu, meta **tali użu** ta' mezzi awtomatizzati ma jkunx possibbli **minħabba li d-dokument tal-ivvjaġġar ma jkunx fih data li tinqara mill-magni**, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġbru dik id-data b'mod manwali, b'tali mod li tiġi żgurata l-konformità mal-paragrafu 2.

Emenda

Meta **l-użu** ta' mezzi awtomatizzati ma jkunx possibbli, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġbru dik id-data b'mod manwali, **jew bħala parti mir-reġistrazzjoni online jew bħala parti mir-reġistrazzjoni fl-ajrūport**, b'tali mod li tiġi żgurata l-konformità mal-paragrafu 2.

Emenda 65

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4**

Test proposet mill-Kummissjoni

4. Kwalunkwe mezz awtomatizzat użat mit-trasportaturi tal-ajru għall-ġbir tad-data tal-API skont dan ir-Regolament għandu jkun affidabbli, sigur u aġġornat.

Emenda

4. Kwalunkwe mezz awtomatizzat użat mit-trasportaturi tal-ajru għall-ġbir tad-data tal-API skont dan ir-Regolament għandu jkun affidabbli, sigur u aġġornat. **It-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw li d-data tal-API tiġi kriptata matul it-trażmissjoni tad-data mingħand il-passiġġier għal għand it-trasportaturi tal-ajru.**

Emenda 66

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5**

Test proposet mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u regoli operazzjonali dettaljati għall-ġbir tad-data tal-API msemmija fil-punti minn (a) sa (d) **tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) /il-ġestjoni tal-fruntieri tal-APIJ** bl-użu ta' mezzi awtomatizzati f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u regoli operazzjonali dettaljati għall-ġbir tad-data tal-API msemmija fil-punti minn (a) sa (d) **tal-paragrafu 1a bl-użu ta' mezzi awtomatizzati f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, inklużi rekwiżiti għas-sigurtà tad-data.**

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API **miġbura skont il-paragrafu 1** lir-router, b'mezzi elettroniċi. Huma għandhom jagħmlu dan f'konformità mar-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 9, **meta** tali regoli jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

Emenda

6. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API **criptata** lir-router, b'mezzi elettroniċi. Huma għandhom jagħmlu dan f'konformità mar-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 9, **ladarba** tali regoli jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API kemm fil-mument tar-reġistrazzjoni kif ukoll immedjatamente wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri, ladarba **l-vjaġġaturi** jkunu telgħu abbord l-ingenu tal-ajru bi tħejjija għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli **għall-vjaġġaturi** li jitilgħu abbord jew jitilqu mill-ingenu tal-ajru.

Emenda

7. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API kemm fil-mument tar-reġistrazzjoni kif ukoll immedjatamente wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri, ladarba **l-passiġġieri** jkunu telgħu abbord l-ingenu tal-ajru bi tħejjija għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli **għall-passiġġieri** li jitilgħu abbord jew jitilqu mill-ingenu tal-ajru. **Fil-mument tar-reġistrazzjoni, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API f'konformità ma' dan ir-Regolament u ma' standards internazzjonali rilevanti. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jirċievu konferma tar-riċevuta għat-transport tad-data tal-API.**

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li

tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli dettaljati neċċesarji dwar il-protokolli komuni u l-formati tad-data appoġġati li għandhom jintużaw għat-trasferimenti kriptati tad-data tal-API lir-router imsemmi fil-paragrafu 6, inkluż it-trasferiment tad-data tal-API fil-mument tar-reġistrazzjoni u r-rekwiżiti għas-sigurtà tad-data. Tali regoli dettaljati għandhom jiżguraw li l-linji tal-ajru jittrażmettu d-data tal-API bl-użu tal-istess struttura u kontenut.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7b. Il-PIUs għandhom jipproċessaw id-data tal-API, ittrasferita lilhom f'konformità ma' dan ir-Regolament, unikament għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 1.

Il-PIUs jew awtoritajiet kompetenti oħra fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jipproċessaw id-data tal-API għall-finijiet tat-tfassil ta' profili.

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 8 – subparagrafu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li t-transportaturi tal-ajru jżommu u jużaw id-data, fejn meħtieġ, għall-kors normali tan-negozju tagħhom f'konformità mal-liġi applikabbli, it-transportaturi tal-ajru għandhom immedjatamente jikkoreġu, jimlew jew jaġġornaw, jew inkella jħassru

It-trasportaturi tal-ajru għandhom jaħżnu, għal 24 siegħa mill-mument tat-tluq tat-titjira, id-data tal-API relatata ma' dak il-passiġġier li jkunu ġabru skont l-Artikolu 4. Għandhom immedjatamente u b'mod permanenti jħassru dik id-data tal-API wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu

b'mod permanenti, id-data tal-API kkonċernata fiż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin:

ta' żmien. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li t-trasportaturi tal-ajru jżommu u jużaw id-data, fejn meħtieġ, għall-kors normali tan-negozju tagħhom f'konformità mal-liġi applikabbi **u b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679.**

It-trasportaturi tal-ajru għandhom immedjatamente jikkoreġu, jimlew jew jaġġornaw, jew inkella jħassru b'mod permanenti, id-data tal-API kkonċernata fiż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin:

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 8 – subparagraphu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) meta jsiru konxji li d-data tal-API miġbura ma tkunx akkurata, ma tkunx kompluta jew ma għadhiex aġġornata **jew tkun ġiet ipproċessata illegalment, jew li d-data ttrasferita ma tikkostitwix data tal-API;**

Emenda

(a) meta jsiru konxji li d-data tal-API miġbura ma tkunx akkurata, ma tkunx kompluta jew ma għadhiex aġġornata;

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. It-trasportaturi tal-ajru għandhom iħassru minnufih u b'mod permanenti d-data tal-API meta jsiru jafu li d-data tal-API miġbura kienet ipproċessata b'mod illegali jew li d-data ttrasferita ma tikkostitwixx data tal-API.

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

8b. *Meta t-trasportaturi tal-ajru jsiru konxji taè-ċirkostanzi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 8a jew tal-paragrafu 8b wara li jkunu lestew it-trasferiment tad-data f'konformità mal-paragrafu 6, huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u ġustizzja (eu-LISA). Malli tirċievi tali informazzjoni, l-eu-LISA għandha tinforma minnufih lill-PIUs li jkunu rċeview id-data tal-API trażmess permezz tar-router.*

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 9

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

9. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati meħtieġa dwar il-protokolli komuni u l-formati tad-data appoġġati li għandhom jintużaw għat-trasferimenti tad-data tal-API lir-router imsemmi fil-paragrafu 6.*

imħassar

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

9a. *F'konformità mad-Direttiva 2016/681, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu wkoll id-data tal-PNR lir-router, sakemm dik id-data tinġabar fil-kors normali tan-negozju*

tagħhom, għat-trażmissjoni ta' dik id-data mir-router lill-PIUs rispettivi skont l-Artikolu 5(4). It-trasportaturi bl-ajru ma għandhomx jitħallew jittrasferixxu data tal-PNR skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/681 bi kwalunkwe mezz ieħor.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4a

Drittijiet Fundamentali

1. Il-ġbir u l-ipproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API] mit-trasportaturi tal-ajru u mill-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jirriżultaw f'diskriminazzjoni kontra persuni abbażi tas-sess u l-ġeneru, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

2. Dan ir-Regolament għandu jirrispetta bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali rikonoxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwu, għall-ażil, għall-protezzjoni tad-data personali, għal-libertà ta' moviment u għal rimedji legali effettivi.

3. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal, lill-anzjani, lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni vulnerabbli. L-aħjar interassi tat-tfal għandhom jikkostitwixxu kunsiderazzjoni primarja

meta jiġi implementat dan ir-Regolament.

Emenda 78

Proposta għal regolament Kapitolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

KAPITOLU 2a (ġdid) DISPOŻIZZJONIJIET RELATATI MAR-ROUTER

Artikolu 4b

Ir-Router

- 1. L-eu-LISA għandha tiddisinja, tiżviluppa, tospita u tamministra mil-lat tekniku, f'konformità mal-Artikoli 11a u 11b, router bl-għan li tiffacċilita t-trasferiment tad-data tal-API u tal-PNR kriptata mit-trasportaturi tal-ajru lill-PIUs f'konformità ma' dan ir-Regolament.**
- 2. Ir-router għandu jkun magħmul minn:**
 - (a) infrastruttura ċentrali, inkluż sett ta' komponenti tekniċi li jippermettu t-trażmissjoni tad-data tal-API u tal-PNR;**
 - (b) kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-infrastruttura ċentrali u l-PIUs, u kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-infrastruttura ċentrali u t-trasportaturi tal-ajru, għat-trasferiment tad-data tal-API u tal-PNR u għal kwalunkwe komunikazzjoni relatata magħhom.**
- 3. Ir-router għandu jippermetti riċeviment u t-trażmissjoni ta' data tal-API kriptata.**
- 4. Ir-router għandu jislet u jagħmel disponibbli b'mod awtomatiku l-istatistika, f'konformità mal-Artikolu 31, għar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika.**
- 5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4c ta' dan ir-Regolament, ir-router**

għandu, fejn xieraq u sa fejn ikun teknikament possibbli, jaqsam u jerġa' juża l-komponenti tekniċi, inklużi l-komponenti tal-hardware u tas-software, tas-servizz tal-web imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, il-portal għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 6(2), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2018/1240, u l-portal għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 2a, il-punt (h), tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b}. L-eu-LISA għandha tiddisinja r-router, sa fejn ikun possibbli mil-lat tekniku u operazzjonali, b'mod li jkun koerenti u konsistenti mal-obbligi imposta fuq it-trasportaturi tal-ajru mir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) 767/2008.

6. L-eu-LISA għandha tiddisinja u tiżviluppa r-router b'tali mod li għal kwalunkwe trasferiment tad-data tal-API u tal-PNR mit-trasportaturi tal-ajru lir-router f'konformità mal-Artikolu 4, u għal kwalunkwe trażmissjoni tad-data tal-API u tal-PNR mir-router lill-PIUs f'konformità mal-Artikolu 5 u lir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika f'konformità mal-Artikolu 16a(ġdid)(2), id-data tal-API u tal-PNR tkun kriptata minn tarfsa tarf matul it-tranżitu.

Artikolu 4c

Użu esklussiv tar-router

Minkejja l-użu tar-router fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], ir-router għandu jintuża biss:

- (a) mit-trasportaturi tal-ajru biex jiitrasferixxu data tal-API kriptata jew data oħra tal-PNR f'konformità ma' dan ir-Regolament;*
- (b) mill-PIUs biex jirċievu data tal-API kriptata jew data oħra tal-PNR*

f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 4d

Il-format tad-data u l-verifikasi tat-trasferiment

1. *Ir-router għandu, b'mod awtomatizzat u abbażi ta' data dwar it-traffiku tat-titjiriet f'ħin reali, jivverifika jekk l-operatur tal-ajru ttrasferiex id-data tal-API f'konformità mal-Artikolu 4(6).*
2. *Ir-router għandu, minnufih u b'mod awtomatizzat, jivverifika jekk id-data tal-API ttrasferita lilu f'konformità mal-Artikolu 6(1) tikkonformax mar-regoli dettaljati dwar formati tad-data appoġġati, imsemmija fl-Artikolu 4(7a).*
3. *Meta r-router ikun ivverifika f'konformità mal-paragrafu 1 li d-data ma ġietx ittrasferita mit-trasportatur tal-ajru jew meta d-data inkwistjoni ma tkunx konformi mar-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 2, ir-router għandu, minnufih u b'mod awtomatizzat, jinnotifika lill-operatur tal-ajru kkonċernat u lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tal-Istati Membri li lilhom kellha tiġi trażmessha d-data skont l-Artikolu 11(1). F'dak il-każ, l-operatur tal-ajru għandu jittrasferixxi minnufih id-data tal-API f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafi 6, 7 u 7a.*
4. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jispeċifikaw ir-regoli tekniċi u proċedurali dettaljati meħtieġa għall-verifikasi u n-notifikasi msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18a(2).*

^{1a} Ir-Regolament (EU) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

*li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati
Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet
għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta'
infurzar tal-liġi, u li jemenda l-
Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta'
Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru
767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L
327, 9.12.2017, p. 20).*

*^{1b} Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9
ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-
Informazzjoni dwar il-Viżla (VIS) u l-
iskambju ta' data bejn l-Istati Membri
dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament
VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).*

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-router għandu, immedjatament u b'mod awtomatizzat, jittrażmetti d-data tal-API, ittrasferita lilu mit-trasportaturi tal-ajru skont l-Artikolu 4, lill-PIUs tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu se tinżel it-titjira jew **li mit-territorju tiegħu se** titlaq it-titjira, jew it-tnejn li huma fil-każ ta' titjiriet intra-UE. Meta titjira jkollha waqfa waħda jew aktar fit-territorju ta' Stati Membri oħra jn għajnej. Dak li minnu tkun telqet, ir-router għandu jittrażmetti d-data tal-API lill-PIUs tal-Istati Membri kollha kkonċernati.

Emenda

Mal-verifikasi msemmija fl-Artikolu 10a, ir-router għandu, immedjatament u b'mod awtomatizzat, jittrażmetti d-data tal-API, ittrasferita lilu mit-trasportaturi tal-ajru skont l-Artikolu 4, lill-PIUs tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu se tinżel it-titjira jew titlaq it-titjira, jew it-tnejn li huma fil-każ ta' titjiriet intra-UE. Meta titjira jkollha waqfa waħda jew aktar fit-territorju ta' Stati Membri oħra jn għajnej. Dak li minnu tkun telqet, ir-router għandu jittrażmetti d-data tal-API lill-PIUs tal-Istati Membri kollha kkonċernati.

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Madankollu, għat-titjiriet intra-UE, ir-router għandu jittrażmetti biss id-data tal-API **lil dik il-PIU fir-rigward** tat-titjiriet inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 2.

Emenda

Madankollu, għat-titjiriet intra-UE, ir-router għandu jittrażmetti biss id-data tal-API tat-titjiriet inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 2 **lill-PIUs applikabbli.**

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-router għandu jittrażmetti d-data tal-API f'konformità mar-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 3, **fejn** tali regoli jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

Emenda

Ir-router għandu jittrażmetti d-data tal-API f'konformità mar-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 3, **ladarba** tali regoli jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli tekniċi u proċedurali dettaljati meħtieġa għat-trażmissionijiet tad-data tal-API mir-router imsemmi fil-paragrafu 1.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli tekniċi u proċedurali dettaljati meħtieġa għat-trażmissionijiet tad-data tal-API mir-router imsemmi fil-paragrafu 1, **inkluż dwar ir-rekwiżiti għas-sigurità tad-data**.

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mutatis mutandis għat-trażmissioni tad-data tal-PNR mir-router għall-PIUs tal-Istati Membri skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/681, li għandha tkun l-uniku mezz għall-PIUs biex jirċievu d-data tal-PNR mit-trasportaturi tal-ajru.

Emenda 84

Proposta għal regolament Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5a

Metodoloġija u kriterji għall-għażla ta' titjiriet intra-UE

L-Istati Membri li jiddeċiedu li japplikaw id-Direttiva (UE) 2016/681 u konsegwentement dan ir-Regolament għal titjiriet intra-UE għandhom għall-għażla ta' dawk it-titjiriet:

(a) iwettqu valutazzjoni oġġettiva, debitament motivata u mhux diskriminatorja tat-theddid f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2016/681, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u d-drittijiet fundamentali stabbiliti, fost l-oħrajn, fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

(b) iqisu biss il-kriterji li huma rilevanti għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja li għandhom rabta oġġettiva, inklu żra rabta indiretta, mat-trasport ta' passiġġieri bl-ajru u ma jkunux purament ibbażati fuq innazzjonali, is-sess, l-età, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika, il-lingwa, ir-religion jew it-twemmin jew l-appartenenza għal minoranza nazzjonali ta' kwalunkwe passiġġier jew grupp ta' passiġġieri;

(c) f'sitwazzjonijiet ta' theddida terroristika ġenwina u preżenti jew prevedibbli, l-Istati Membri jistgħu japplikaw id-Direttiva (UE) 2016/681 għat-titjiriet kollha intra-UE li jaslu jew jitilqu mit-territorju tagħhom, f'deċiżjoni li tkun limitata fiziż-żmien għal dak li huwa strettament meħtieġ u li hija miftuħa għal rieżami effettiv. Fin-nuqqas ta' sitwazzjoni bħal din, l-Istati Membru għandhom jiffukaw biss fuq rotot, xejriet tal-ivvjaġġar jew ajruporti speċifiċi li

għalihom ikun hemm indikazzjonijiet ta' attivitajiet suspectużi rigward reati terroristiċi u kriminalità serja u li jiġġustifikaw it-trażmissjoni u l-iproċessar tad-data tal-API; u (d) jużaw biss sorsi li jistgħu jinfurmaw valutazzjoni tat-theddid oġġettiva, debitament motivata u mhux diskriminatorja.

L-Istat Membri għandhom iżommu dokumentazzjoni kollha ta' tali valutazzjoni tat-theddid, inkluż ta' estensjonijiet fejn rilevanti, u jagħmluha disponibbli, f'konformità mad-Direttiva 2016/680, għall-awtoritajiet superviżorji indipendenti u għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tagħhom fuq talba. L-Istat Membri għandhom jillimitaw it-tul tal-valutazzjoni tat-theddid tagħhom għal dak li huwa strettament meħtieġ, u mhux aktar minn 3 xhur. Dak it-tul ta' żmien jista' jiġi estiż għal 3 xhur oħra fejn ikun debitament ġustifikat. L-Istat Membri għandhom jirrieżaminaw regolarment il-lista ta' titjuriet magħżula ġewwa l-UE, sabiex jiżguraw aderenza stretta mal-prinċipji tan-neċċessità u tal-proporzjonalità.

Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita skambju regolari ta' fehmiet dwar il-kriterji tal-għażla għall-valutazzjoni tat-theddid oġġettivi u motivati, inklużi l-aħjar prattiki, kif ukoll, fuq bażi volontarja, l-iskambju ta' informazzjoni dwar titjuriet magħżula.

Emenda 85

Proposta għal regolament Artikolu 5b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5b

It-tħassir tad-data tal-API mir-router

Id-data tal-API, ittrasferita lir-router skont dan ir-Regolament, għandha tinħażen fuq ir-router biss sa fejn ikun

meħtieġ biex titlesta t-trażmissjoni lill-PIUs u għandha titħassar mir-router, immedjatament, permanentement u b'mod awtomatizzat, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta tkun tlestiet it-trażmissjoni tad-data tal-API lill-PIUs rilevant;*
- (b) f'każijiet ta' impossibbiltà teknika tar-router li sussegwentement jittrażmetti d-data tal-API lill-PIU, wara 12-il siegħa;*
- (c) meta d-data tal-API tkun relatata ma' titjiriet oħra intra-UE minbarra dawk inklużi fil-listi msemmija fl-Artikolu 5(2) ta' dan ir-Regolament. Ir-router għandu jinforma awtomatikament lill-eu-LISA u lill-PIUs dwar it-tħassir immedjat ta' dawn it-titjiriet intra-UE għall-finijiet tal-istatistika msemmija fl-Artikolu 16a(1).*

Emenda 86

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. L-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet ta' pproċessar kollha relatati mat-trasferiment tad-data tal-API permezz tar-router skont dan ir-Regolament. Dawk ir-reġistri għandhom ikopru dawn li ġejjin:

- (a) it-trasportatur tal-ajru li ttransferixxa d-data tal-API lir-router;*
- (b) l-awtoritajiet kompetenti u l-PIUs li lilhom ġiet trażmessha d-data tal-API permezz tar-router;*
- (c) id-data u l-ħin tat-trasferimenti msemmija fil-punti (a) u (b), u l-post tat-trasferiment;*
- (d) kwalunkwe aċċess mill-persunal tal-eu-LISA meħtieġ għall-manutenzjoni tar-router, kif imsemmi fl-Artikolu 11b(3);*
- (e) kwalunkwe informazzjoni oħra relatata ma' dawk l-operazzjonijiet ta'*

pproċessar meħtieġa għall-monitoraġġ tas-sigurtà u l-integrità tad-data tal-API u l-legalità ta' dawk l-operazzjonijiet ta' pproċessar.

Dawk ir-reġistri ma għandhom jinkludu l-ebda data personali, għajr l-informazzjoni neċċessarja sabiex jiġi identifikat il-membru rilevanti tal-persunal tal-eu-LISA, imsemmi fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu.

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

1. It-trasportaturi tal-ajru għandhom joħolqu reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar skont dan ir-Regolament imwettqa bl-użu tal-mezzi awtomatizzati msemmija fl-Artikolu 4(3). Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikopru d-data, il-ħin u l-post tat-trasferiment tad-data tal-API.

Emenda

1. It-trasportaturi tal-ajru għandhom joħolqu reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar skont dan ir-Regolament imwettqa bl-użu tal-mezzi awtomatizzati msemmija fl-Artikolu 4(3). Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikopru d-data, il-ħin u l-post tat-trasferiment tad-data tal-API. *Dawk ir-reġistri ma għandhom jinkludu l-ebda data personali, għajr l-informazzjoni neċċessarja sabiex jiġi identifikat il-membru rilevanti tal-persunal tat-trasportatur tal-ajru.*

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

3. ***It-trasportaturi*** tal-ajru għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu r-reġistrazzjonijiet li jkunu ħolqu skont il-paragrafu 1 kontra aċċess mhux awtorizzat u riskji oħrajn għas-sigurtà.

Emenda

3. ***L-eu-LISA u t-trasportaturi*** tal-ajru għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu r-reġistrazzjonijiet li jkunu ħolqu skont il-paragrafu 1 kontra aċċess mhux awtorizzat u riskji oħrajn għas-sigurtà.

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 15 u l-PIUs għandu jkollhom aċċess għar-reġistri rilevanti msemmijin fil-paragrafu 1 meta neċċesarju għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

It-trasportaturi tal-ajru għandhom iżommu r-reġistrazzjonijiet li jkunu ħolqu skont il-paragrafu 1 għal perjodu ta' żmien ta' sena mill-mument tal-ħolqien ta' dawk ir-reġistrazzjonijiet. Huma għandhom iħassru dawk ir-reġistrazzjonijiet minnufih u b'mod permanenti mal-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien.

L-eu-LISA u t-trasportaturi tal-ajru għandhom iżommu r-reġistrazzjonijiet li jkunu ħolqu skont il-paragrafu 1 għal perjodu ta' żmien ta' sena mill-mument tal-ħolqien ta' dawk ir-reġistrazzjonijiet. Huma għandhom iħassru dawk ir-reġistrazzjonijiet minnufih u b'mod permanenti mal-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien.

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Madankollu, jekk dawk ir-reġistrazzjonijiet ikunu meħtieġa għal proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgur tas-sigurtà u l-integrità tad-data tal-API jew il-legalità tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar, kif imsemmi fil-paragrafu 2, u dawk il-proċeduri jkunu digħi bdew fil-mument tal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, it-trasportaturi tal-

Madankollu, jekk dawk ir-reġistrazzjonijiet ikunu meħtieġa għal proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgur tas-sigurtà u l-integrità tad-data tal-API jew il-legalità tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar, kif imsemmi fil-paragrafu 2, u dawk il-proċeduri jkunu digħi bdew fil-mument tal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, it-trasportaturi tal-

ajru jistgħu jżommu dawk ir-reġistrazzjonijiet sakemm ikun meħtieġ għal dawk il-proċeduri. F'dak il-każ, huma għandhom iħassru dawk ir-reġistrazzjonijiet minnufih meta ma jkunux għadhom meħtieġa għal dawk il-proċeduri.

ajru jistgħu jżommu dawk ir-reġistrazzjonijiet sakemm ikun meħtieġ għal dawk il-proċeduri, *dment li l-eu-LISA jew it-trasportaturi tal-ajru jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħtieġa li żżomm dawk ir-reġistrazzjonijiet u jipprovdha bir-raġunijiet għalfejn għandha tagħmel dan*. F'dak il-każ, għandhom iħassru dawk ir-reġistri minnufih meta ma jkunux għadhom neċċesarji għal dawk il-proċeduri.

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Azzjonijiet fil-każ ta' impossibbiltà teknika li jintuża r-router

1. *Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża r-router biex tiġi trażmessu d-data tal-API minħabba nuqqas ta' funzjonament tar-router, l-eu-LISA għandha tinnotifika minnufih lit-trasportaturi tal-ajru u lill-PIUs b'dik l-impossibbiltà teknika b'mod awtomatizzat. F'dak il-każ, l-eu-LISA għandha immedjatamente tieħu miżuri biex tindirizza l-impossibbiltà teknika li tuża r-router u għandha tinnotifika minnufih lil dawk il-partijiet meta din tkun ġiet indirizzata b'succcess.*

Matul il-perjodu ta' żmien bejn dawk in-notifikasi, l-Artikolu 4(6) ma għandux jaapplika, sa fejn l-impossibbiltà teknika tipprevjeni t-trasferiment tad-data tal-API lir-router. Sa fejn ikun il-każ, l-Artikolu 4, il-paragrafi 1 u 8 lanqas ma għandhom jaapplikaw għad-data tal-API inkwistjoni matul dak il-perjodu ta' żmien.

2. *Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża r-router biex tiġi trażmessu d-data tal-API minħabba nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi jew tal-*

infrastruttura msemmija fl-Artikolu 10 ta' Stat Membru, il-PIU ta' dak l-Istat Membru għandha tinnotifika minnufih lit-trasportaturi tal-ajru, lill-PIUs l-oħrajn, lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni b'dik l-impossibbiltà teknika b'mod awtomatizzat. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru għandu immedjatament jieħu miżuri biex jindirizza l-impossibbiltà teknika li juża r-router u għandu jinnotifika minnufih lil dawk il-partijiet meta din tkun ġiet indirizzata b'succcess.

Matul il-perjodu ta' żmien bejn dawk innotifikasi, l-Artikolu 4(6) ma għandux jaapplika, sa fejn l-impossibbiltà teknika tipprevjeni t-trasferiment tad-data tal-API lir-router. Sa fejn ikun il-każ, l-Artikolu 4(1) lanqas ma għandu jaapplika għad-data tal-API inkwistjoni matul dak il-perjodu ta' żmien.

3. Meta jkun teknikament impossibbli li jintużza r-router biex tiġi trażmessu d-data tal-API minħabba nuqqas ta' funzionament tas-sistemi jew tal-infrastruttura msemmija fl-Artikolu 11 ta' trasportatur tal-ajru, dak it-trasportatur tal-ajru għandu jinnotifika minnufih lill-PIUs, lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni b'dik l-impossibbiltà teknika b'mod awtomatizzat. F'dak il-każ, dak it-trasportatur tal-ajru għandu immedjatament jieħu miżuri biex jindirizza l-impossibbiltà teknika li juża r-router u għandu jinnotifika minnufih lil dawk il-partijiet meta din tkun ġiet indirizzata b'succcess.

Matul il-perjodu ta' żmien bejn dawk innotifikasi, l-Artikolu 4(6) ma għandux jaapplika, sa fejn l-impossibbiltà teknika tipprevjeni t-trasferiment tad-data tal-API lir-router. Sa fejn ikun il-każ, l-Artikolu 4(1) lanqas ma għandu jaapplika għad-data tal-API inkwistjoni matul dak il-perjodu ta' żmien.

Meta l-impossibbiltà teknika tkun ġiet indirizzata b'succcess, it-trasportatur tal-ajru kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, jissottometti lill-awtorità

superviżorja nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 15 rapport li jkun fih id-dettalji kollha meħtieġa dwar l-impossibbiltà teknika, inklużi r-raġunijiet għall-impossibbiltà teknika, il-firxa u l-konsegwenzi tagħha, kif ukoll il-miżuri meħuda biex tiġi indirizzata.

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-PIUs għandhom ikunu kontrolluri, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(8) tad-Direttiva (UE) 2016/680 b'rabta mal-iproċessar tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali skont dan ir-Regolament permezz tar-router, inklużi t-trażmissjoni u l-ħażin għal raġunijiet tekniċi ta' dik id-data fuq ir-router.

Emenda

Il-PIUs għandhom ikunu kontrolluri, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(8) tad-Direttiva (UE) 2016/680 b'rabta mal-iproċessar tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali skont dan ir-Regolament permezz tar-router, inklużi t-trażmissjoni **tad-data mir-router għall-PIUs** u l-ħażin għal raġunijiet tekniċi ta' dik id-data fuq ir-router **kif ukoll fir-rigward tal-iproċessar tagħhom tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali skont l-Artikolu 4(7b) ta' dan ir-Regolament.**

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 7a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7a

Proċessur tad-data personali

L-eu-LISA għandha tkun il-proċessur fissem il-PIUs skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (9), tad-Direttiva 2016/680 għall-iproċessar tad-data tal-API li tkun tikkostitwixxi data personali permezz tar-router f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7b

L-informazzjoni għall-passiġġieri

F'konformità mad-drift għall-informazzjoni fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jipprovd lill-passiġġieri, fuq titjiriet koperti minn dan ir-Regolament, b'informazzjoni dwar il-fini tal-ġbir tad-data personali tagħhom, it-tip ta' data personali miġbura, ir-riċevituri tad-data personali u l-mezzi biex jiġu eżerċitati d-drittijiet tas-suġġett tad-data.

Din l-informazzjoni għandha tīgħi kkomunikata lill-passiġġieri bil-miktub u f'format faċilment aċċessibbli fil-mument tal-prenotazzjoni u fil-mument tar-reġistrazzjoni, irrispettivament mill-mezzi użati biex tinġabar id-data personali fil-mument tar-reġistrazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 4.

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, li huma jipproċessaw skont dan ir-Regolament.

I. Il-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, li huma jipproċessaw skont dan ir-Regolament.

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Il-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru għandhom jikkooperaw, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ma' xulxin u mal-eu-LISA biex jiżguraw tali sigurtà.

Emenda

2. Il-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru għandhom jikkooperaw, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ma' xulxin u mal-eu-LISA biex jiżguraw tali sigurtà.

Emenda 98

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-eu-LISA għandha tiżgura s-sigurtà u l-kriptagħ tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, li hija tipproċċesa skont dan ir-Regolament. Il-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, li jipproċċessaw skont dan ir-Regolament. L-eu-LISA, il-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru għandhom jikkooperaw, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ma' xulxin biex jiżguraw tali sigurtà.

Emenda 99

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2b (ġdid)**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

2b. B'mod partikolari, l-eu-LISA għandha tieħu l-miżuri neċċesarji sabiex tiżgura s-sigurtà tar-router u tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, trażmessha permezz tar-router, inkluż billi tistabbilixxi, timplimenta u taġġonna

regolarment pjan ta' sigurtà, pjan għall-kontinwità tal-operat u pjan ta' rkupru minn diżastru, sabiex:

- (a) tipproteġi fiżikament ir-router, inkluż billi tagħmel pjanijiet ta' kontinġenza għall-protezzjoni ta' komponenti kritiċi tiegħu;*
- (b) tipprevjeni kwalunkwe pproċessar mhux awtorizzat tad-data tal-API, inkluż kwalunkwe aċċess mhux awtorizzat għaliha u l-ikkupjar, il-modifika jew it-tħassir tagħha, kemm matul it-trasferiment tad-data tal-API lejn u mir-router kif ukoll matul kwalunkwe ħażin tad-data tal-API fuq ir-router fejn meħtieġ biex titlesta t-trażmissjoni, b'mod partikolari permezz ta' tekniki xierqa ta' kriptaqgħ;*
- (c) jiżguraw li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit lil liema PIUs tiġi trażmessha d-data tal-API permezz tar-router;*
- (d) tirrapporta b'mod xieraq lill-Bord ta' Tmexxija tagħha kwalunkwe īxsara fil-funzjonament tar-router;*
- (e) timmonitorja l-effettività tal-miżuri ta' sigurtà meħtieġa skont dan l-Artikolu u skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, u tivvaluta u taġġorna dawk il-miżuri ta' sigurtà fejn meħtieġ fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi jew operazzjonali.*

Il-miżuri msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandhomx jaffettwaw l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 9a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Awditi dwar il-protezzjoni ta' data personali

- 1. L-awtoritajiet superviżorji indipendenti msemmija fl-Artikolu 41 tad-Direttiva 2016/680 għandhom jiżguraw li jsir awditjar tal-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali mwettqa mill-PIUs għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-istandard internazzjonali tal-awditjar rilevanti, mill-inqas darba kull erba' snin.*
- 2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jwettaq awditu tal-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data tal-API li tkun tikkostitwixxi data personali mwettqa mill-eu-LISA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-istandard internazzjonali rilevanti tal-awditjar tal-anqas darba fis-sena. Rapport ta' dak l-awditjar għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-eu-LISA. L-eu-LISA għandha tingħata opportunità li tikkummenta qabel jiġu adottati rr-rapporti.*
- 3. Fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' pproċessar imsemmija fil-paragrafu 2, fuq talba, l-eu-LISA għandha tipprovd informazzjoni mitluba mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, għandha tagħti lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data aċċess għad-dokumenti kollha li titlob u għar-reġistrazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6, u għandha tippermetti lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data aċċess għall-bini kollu tal-eu-LISA fi kwalunkwe ħin.*

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konnessjoni **ma' dak ir-router** u l-integrazzjoni miegħu jippermettu lill-PIUs tagħhom jirċievu u jipproċessaw aktar id-data tal-API, kif ukoll jiskambjaw kwalunkwe komunikazzjoni relatata magħha, b'mod legali, sigur, effettiv u rapidu.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konnessjoni **mar-router** u l-integrazzjoni miegħu jippermettu lill-PIUs tagħhom jirċievu u jipproċessaw aktar id-data tal-API, kif ukoll jiskambjaw kwalunkwe komunikazzjoni relatata magħha, b'mod legali, sigur, effettiv u rapidu.

Emenda 102

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2**

Test proposet mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati meħtieġa dwar il-konnessjonijiet u l-integrazzjoni mar-router imsemmi fil-paragrafu 1.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati meħtieġa dwar il-konnessjonijiet u l-integrazzjoni mar-router imsemmi fil-paragrafu 1, **inkluż dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà tad-data**.

Emenda 103

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2**

Test proposet mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati meħtieġa dwar il-konnessjonijiet u l-integrazzjoni mar-router imsemmi fil-paragrafu 1.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati meħtieġa dwar il-konnessjonijiet u l-integrazzjoni mar-router imsemmi fil-paragrafu 1, **inkluż dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà tad-data**.

Emenda 104

**Proposta għal regolament
Artikolu 11a (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a
*Il-kompli tal-eu-LISA relatati mad-disinn
u mal-iżvilupp tar-router*

- 1. L-eu-LISA għandha tkun responsabbi għad-disinn tal-arkitettura fiżika tar-router, inkluż id-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.*
- 2. L-eu-LISA għandha tkun responsabbi għall-iżvilupp tar-router, inkluż għal kwalunkwe adattament tekniku meħtieġ għall-operat tar-router. L-iżvilupp tar-router għandu jikkonsisti fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fl-ittestjar u fil-ġestjoni ġenerali tal-proġett u fil-koordinazzjoni tal-fażi tal-iżvilupp.*
- 3. L-eu-LISA għandha tiżgura li r-router ikun iddisinjat u żviluppat b'tali mod li r-router jipprovdi l-funzjonalitajiet speċifikati f'dan ir-Regolament, u li r-router jibda jopera mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti delegati previsti fl-Artikolu 4(5) u (9), fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) u wara li titwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679.*
- 4. Meta l-eu-LISA tqis li l-fażi ta' żvilupp tkun tlestiet, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, twettaq test komprensiv tar-router, f'kooperazzjoni mal-PIUs u ma' awtoritatjiet rilevanti oħra jn-niżi tal-Istati Membri u mat-trasportaturi tal-ajru u tinforma lill-Kummissjoni bl-eżitu ta' dak it-test.*

Emenda 105

**Proposta għal regolament
Artikolu 11b (ġidid)**

Artikolu 11b

Il-kompieti tal-eu-LISA relatati mal-hosting u mal-ġestjoni teknika tar-router

1. L-eu-LISA għandha tospita r-router fis-siti tekniċi tagħha.

2. L-eu-LISA għandha tkun responsabbi għall-ġestjoni teknika tar-router, inklużi l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi tiegħu, b'tali mod li tiżgura li d-data tal-API tīgħi trażmessu b'mod sigur, effettiv u rapidu permezz tar-router, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Il-ġestjoni teknika tar-router għandha tikkonsisti fit-twettiq tal-kompieti kollha u fl-implementazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi kollha meħtieġa għall-funzjonament xieraq tar-router skont dan ir-Regolament, mingħajr interruzzjoni, 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Għandha tinkludi x-xogħol ta' manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi neċċesarji sabiex jiġi żgurat li r-router jiffunzjona f'livell sodisfaċenti ta' kwalità teknika, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà, tal-akkuratezza u tal-affidabbiltà tat-trażmissjoni tad-data tal-API, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u, kemm jista' jkun, b'mod allinjal mal-htigħijiet operazzjonali tal-PIUs u tat-trasportaturi tal-ajru.

3. L-eu-LISA ma għandu jkollha aċċess għall-ebda data tal-API li tiġi trażmessu permezz tar-router.

Madankollu, dik il-projbizzjoni ma għandhiex tipprekludi lill-eu-LISA milli jkollha tali aċċess sa fejn ikun strettament neċċesarju għall-manutenzjoni tar-router.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68^{la}, l-eu-LISA għandha tapplika regoli xierqa ta' segretezza professionali jew ta'

dmirijiet ekwivalenti oħrajn ta' kunfidenzjalità għall-persunal tagħha li jkun meħtieġ jaħdem bid-data tal-API trażmessu permezz tar-router. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll wara li dawn il-membri tal-persunal iħallu l-kariga jew l-impjieg jew wara t-tmiem tal-attivitajiet tagħhom.

^{1a} Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbi għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1)

Emenda 106

Proposta għal regolament Artikolu 11c (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11c
Il-kompli ta' appoġġ tal-eu-LISA relatati mar-router

- 1. Meta jitolbuha tagħmel dan, l-eu-LISA għandha tipprovi taħrifg lill-PIUs u lil awtoritajiet rilevanti oħrajin tal-Istati Membri u lill-operaturi tal-ajru dwar l-użu tekniku tar-router u dwar il-konnessjoni u l-integrazzjoni mar-router.*
- 2. L-eu-LISA għandha tipprovi appoġġ lill-PIUs fir-rigward tal-wasla tad-data tal-API permezz tar-router skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 10 ta' dan ir-Regolament.*

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Kostijiet tal-Istati Membri

Emenda

Kostijiet ***tal-eu-LISA u*** tal-Istati Membri

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Il-kostijiet imġarrba mill-eu-LISA fir-rigward tad-disinn, tal-iżvilupp, tal-hosting u tal-ġestjoni teknika tar-router skont dan ir-Regolament għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħha għad-disinn, l-iżvilupp, l-ospitar u l-ġestjoni u l-manutenzjoni teknika tar-router, l-eu-LISA għandha tiġi pprovduta bir-riżorsi neċċessarji taħt il-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kostijiet imġarrba mill-Istati Membri b’rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħħom mar-router imsemmi fl-Artikolu 10 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Emenda

Il-kostijiet imġarrba ***mill-eu-LISA u*** mill-Istati Membri b’rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħħom mar-router imsemmi fl-Artikolu 10 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-kostijiet imġarrba mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data b'rabta mal-kompli fdati lilu skont dan ir-Regolament għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1b (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-kostijiet imġarrba minn awtoritatiet superviżorji nazzjonali indipendenti fir-rigward tal-kompli fdati lilhom skont dan ir-Regolament għandhom jitħallsu mill-Istati Membri.

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom iħallsu wkoll il-kostijiet li jirriżultaw mill-amministrazzjoni, mill-użu u mill-manutenzjoni tal-konnessjonijiet u mill-integrazzjoni tagħhom mar-router.

2. Ma taffettwax il-verżjoni Maltija

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 13

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Emenda 114

Proposta għal regolament Artikolu 14a (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14a

Il-bidu tal-operazzjonijiet tar-router

Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, mingħajr dewmien żejjed, id-data minn meta r-router jibda jopera permezz ta' att ta' implementazzjoni ladarba l-eu-LISA tkun infurmat lill-Kummissjoni dwar it-tlestitja b'suċċess tat-test komprensiv tar-router imsemmi fl-Artikolu 11a(4). Dak l-att ta' implementazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18a(2).

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi d-data msemmija fl-ewwel subparagraphu sabiex ma tkunx aktar minn 30 jum mid-data tal-adozzjoni ta' dak l-att ta' implementazzjoni.

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 14b (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14b

L-użu volontarju tar-router b'applikazzjoni tad-Direttiva 2004/82/KE

1. It-trasportaturi tal-ajru għandhom ikunu intitolati jużaw ir-router sabiex jittrażmettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/82/KE lil PIU responsabbli waħda jew aktar imsemmija fiha, f'konformità ma' dik id-Direttiva, dment li l-PIU responsabbli kkonċernata tkun qablet ma' tali użu, minn data xierqa stabbilita minn dik il-PIU. Dik il-PIU għandha taqbel biss wara li tkun stabbiliet li, b'mod partikolari fir-

rigward kemm tal-konnessjoni tagħha mar-router kif ukoll ta' dik tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat, l-informazzjoni tista' tiġi trażmessu b'mod legali, sigur, effettiv u rapidu.

2. *Meta trasportatur tal-ajru jibda juża r-router f'konformità mal-paragrafu 1, huwa għandu jkompli juża r-router sabiex jibgħat din l-informazzjoni lill-PIU responsabbli kkonċernata sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 21, it-tieni subparagrafu. Madankollu, dak l-użu għandu jitwaqqaf, minn data xierqa stabilita minn dik il-PIU, meta dik il-PIU tqis li jkun hemm raġunijiet oġġettivi li jeħtieġu tali waqfien u tkun informat lit-trasportatur tal-ajru kif xieraq.*

3. *Il-PIU responsabbli kkonċernata għandha:*

(a) *tikkonsulta lill-eu-LISA qabel ma taqbel mal-użu volontarju tar-router skont il-paragrafu 1;*

(b) *ħlief f'sitwazzjonijiet ta' urġenza debitament ġustifikata, tagħti lit-trasportatur tal-ajru kkonċernat opportunità li jikkummenta dwar l-intenzjoni tiegħu li jwaqqaf tali użu f'konformità mal-paragrafu 2 u, fejn rilevanti, jikkonsulta wkoll lill-eu-LISA dwar dan;*

(c) *tinforma minnufih lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe użu bħal dan li tkun qablet miegħu u kwalunkwe waqfien ta' tali użu, billi tipprovi l-informazzjoni neċċessarja kollha, inkluża d-data tal-bidu tal-użu, id-data tal-waqfien u r-raġunijiet għall-waqfien, skont kif ikun applikabbli.*

Emenda 116

Proposta għal regolament Artikolu 14c (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14c

L-użu tar-router għad-data tal-PNR

*Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli 3 u 4
għandhom japplikaw mutatis mutandis
għat-trasferiment u t-trażmissjoni
obbligatorji tad-data tal-PNR permezz tar-
router.*

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafi 1 u 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli ġħall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċċessarji biex jiżguraw li jiġu implementati. Il-penali previsti għandhom ikunu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istati Membri għandhom, sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

I. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli ġħall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċċessarji biex jiżguraw li jiġu implementati. Il-penali previsti għandhom ikunu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istati Membri għandhom, sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

1a. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiddeċiedu jekk għandhomx jipponu penali u meta jiddeterminaw it-*

tip u l-livell tal-penali, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, li jistgħu jinkludu:

- (a) in-natura, il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;*
- (b) il-grad ta' tort tat-trasportatur tal-ajru;*
- (c) ksur preċedenti mit-trasportatur tal-ajru;*
- (d) il-livell ġeneral ta' kooperazzjoni tat-trasportatur tal-ajru mal-awtoritajiet kompetenti;*
- (e) id-daqs tat-trasportatur tal-ajru, bħan-numru annwali ta' passiġġieri ttrasportati;*
- (f) jekk il-penali preċedenti jkunux digħi ġew applikati minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali oħra tal-API għall-istess trasportatur għall-istess ksur.*

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li nuqqas sistematiku jew persistenti ta' konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għal penali finanzjarji sa 2 % tal-fatturat globali tas-sena preċedenti tan-neozju tat-Trasportatur tal-Ajru.

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 16a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 16a

Statistika

1. *Biex tappoġġa l-implementazzjoni u s-superviżjoni ta' dan ir-Regolament u abbażi tal-informazzjoni statistika msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, l-eu-LISA għandha tippubblika kull tliet xhur statistika dwar il-funzjonament tar-router, u dwar il-konformità mill-operaturi tal-ajru mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dik l-istatistika ma għandhiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwi.*

L-istatistika għandha turi b'mod partikolari:

- (a) *in-numru ta' passiġġieri li dwarhom tiġi trażmess d-data tal-API u tal-PNR,*
- (b) *in-numru ta' titjiriet li għalihom tiġi trażmess d-data tal-API u tal-PNR,*
- (c) *in-numru ta' titjiriet li fuqhom ma tiġix trażmess d-data tal-API u tal-PNR,*
- (d) *in-numru ta' messaġġi tal-API u tal-PNR trażmessi fil-ħin lill-PIUs,*
- (e) *in-numru ta' passiġġieri li jkunu imbarkaw l-ingħenju tal-ajru b'data tal-API mhux preċiża, mhux kompluta jew li ma tkunx għadha aġġornata, b'dokument tal-ivvjaġġar mhux rikonoxxut.*

2. *Għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, ir-router għandu jittrażmetti b'mod awtomatiku d-data elenkata fil-paragrafu 5 lir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika stabbilit fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/818.*

3. *Sabiex tappoġġa l-implementazzjoni u s-superviżjoni ta' dan ir-Regolament, fl-aħħar ta' kull sena, l-eu-LISA għandha tikkompila d-data statistika f'rapport annwali għal dik is-sena. Għandha tippubblika dak ir-rapport annwali u tibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali msemmijin fl-*

Artikolu 15.

4. *Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdilha statistika dwar aspetti speċifiċi relatati mal-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-istatistika skont il-paragrafu 3.*

5. *Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika għandu jipprovdi lill-eu-LISA bl-informazzjoni statistika neċċessarja għar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 20 u għall-ġenerazzjoni tal-istatistika f'konformità ma' dan l-Artikolu, mingħajr madankollu ma tali statistika dwar l-API tippermetti l-identifikazzjoni tal-passiġġieri kkonċernati:*

(a) *id-data u l-post inizjali tal-imbark, u d-data u l-ajruport tad-dħul fit-territorju tal-wasla ta' Stat Membru;*

(b) *it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż li jkun ħareġ id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data tal-iskadenza tad-dokument tal-ivvjaġġar;*

(c) *in-numru ta' passiġġieri li rreġistraw għall-istess titjira;*

(d) *jekk it-titjira hijiex titjira skedata jew mhux skedata;*

(e) *jekk id-data personali tal-passiġġier tkunx akkurata, kompluta u aġġornata.*

6. *Għall-finijiet tar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 20 u għall-ġenerazzjoni tal-istatistiki f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-eu-LISA għandha taħżeen id-data msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika stabbilit mill-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/817. Għandha taħżeen dik id-data għal perjodu ta' tliet snin f'konformità mal-paragrafu 2, b'mod li d-data ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-passiġġieri kkonċernati.*

Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika għandu jipprovdi lill-persunal debitament awtorizzat tal-PIUs u

*awtoritajiet rilevanti oħra tal-Istati
Membri b’rapporti u statistika adattabbi
skont il-ħtieġa dwar l-API kif imsemmi
fil-paragrafu 5 għall-implementazzjoni u
s-superviżjoni ta’ dan ir-Regolament.*

7. L-użu tad-data msemmija fil-paragrafu 5 ta’ dan l-Artikolu għall-analiżi tar-riskju awtomatizzata jew mhux awtomatizzata, għat-tfassil ta’ profili jew għall-valutazzjoni tar-riskju abbażi ta’ tbassir għandu jkun ipprojbit.

8. Il-proċeduri stabbiliti mill-eu-LISA sabiex timmonitorja l-iżvilupp u l-funzjonament tar-router imsemmijin fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2019/818 għandhom jinkludu l-possibilità li jiġi prodotti statistiki regolari sabiex jiġi żgurat dak il-monitoraġġ.

Emenda 121

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, b’kooperazzjoni mill-qrib mal-PIUs, ma’ awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri, mat-trasportaturi tal-ajru u mal-aġenziji tal-Unjoni rilevanti, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku manwal prattiku, li jkun fih linji gwida, rakkmandazzjonijiet u l-aħjar prattiki għall-implementazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, b’kooperazzjoni mill-qrib mal-PIUs, ma’ awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri, mat-trasportaturi tal-ajru u mal-aġenziji tal-Unjoni rilevanti, **b'mod partikolari l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali**, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku manwal prattiku, li jkun fih linji gwida, rakkmandazzjonijiet u l-aħjar prattiki għall-implementazzjoni ta’ dan ir-Regolament, *inkluż-dwar il-konformità mad-drittijiet fundamentali kif ukoll dwar il-penali f'konformità mal-Artikolu 16.*

Emenda 122

Proposta għal regolament Artikolu 17a (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 17a

Grupp ta' Esperti tal-API

1. *Għandu jiġi stabilit Grupp ta' Esperti tal-API b'effett minn ... [xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] f'konformità mar-regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni. Għandu jiffacċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament u kwistjonijiet relatati miegħu fost l-Istati Membri, l-isituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati.*

2. *Il-Grupp ta' Esperti tal-API għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, tal-awtoritatijiet rilevanti tal-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-eu-LISA. Meta rilevanti għat-twettiq tal-kompli tiegħu, il-Grupp ta' Esperti tal-API jista' jistieden partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari rappreżentanti tat-trasportaturi tal-ajru, l-EDPS u l-awtoritatijiet superviżorji nazzjonali indipendenti, biex jipparteċipaw fil-ħidma tiegħu. Ir-rappreżtant tal-Kummissjoni għandu jippresjedi l-Grupp ta' Esperti tal-API.*

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 1

Regolament (UE) 2019/818

Artikolu 39 – paragrafu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi, timplimenta u tospita fis-siti tekniċi tagħha s-CRRS li jkun fiha d-data u l-istatistika msemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862 u fl-Artikolu 32 tar-

“2. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi, timplimenta u tospita fis-siti tekniċi tagħha s-CRRS li jkun fiha d-data u l-istatistika msemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862 u fl-Artikolu 32 tar-

Regolament (UE) 2019/816 separati b'mod loġiku skont is-sistema ta' informazzjoni tal-UE. L-eu-LISA għandha tiġbor ukoll id-data u l-istatistika mir-router kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) .../... * [dan ir-Regolament]. L-aċċess għas-CRRS għandu jingħata permezz ta' aċċess sigur u kkontrollat u profili ta' utenti spċifici, għall-iskop biss ta' rapportar u statistika, lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862, fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816 u fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) .../... * [dan ir-Regolament]."

Regolament (UE) 2019/816 separati b'mod loġiku skont is-sistema ta' informazzjoni tal-UE. L-eu-LISA għandha tiġbor ukoll id-data u l-istatistika mir-router kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) .../... * [dan ir-Regolament]. L-aċċess għas-CRRS għandu jingħata permezz ta' aċċess sigur u kkontrollat u profili ta' utenti spċifici, għall-iskop biss ta' rapportar u statistika, lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862, fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816 u fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) .../... * [dan ir-Regolament]. **B'mod speċjali l-użu tas-CRRS għall-analiżi tar-riskju, għat-tfassil ta' profili jew għall-valutazzjoni tar-riskju abbażi ta' tbassir għandu jkun ipprojbit.”**

Emenda 124

Proposta għal regolament Artikolu 18a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 18a

Proċedura ta' Kumitat

- Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*
- Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implementazzjoni u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(5) **u (9)**, fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [id-data tal-adozzjoni tar-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport firrigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tīġi estiżza awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(5), **fl-Artikolu 4(7b)**, fl-Artikolu 5(3), **fl-Artikolu 5(4) (Left 238)**, fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [id-data tal-adozzjoni tar-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport firrigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tīġi estiżza awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(5) **u (9)**, fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) tista' tīġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fihi. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun digħi fis-seħħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(5), **fl-Artikolu 4(7b)**, fl-Artikolu 5(3) **u (4) (Left 239)**, fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) tista' tīġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fihi. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun digħi fis-seħħħ.

Emenda 127

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu -1 (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. L-eu-LISA għandha tiżgura li jkun hemm fis-seħħ PROĊEDURI GĦALL-MONITORAġġ tal-iżvilupp TAR-ROUTER fid-dawl tal-objettivi relatati mal-IPPJANAR u l-ispejjeż, u għall-monitoraġġ tal-funzjonament TAR-ROUTER fid-dawl tal-objettivi relatati MAR-RENDIMENT TEKNIKU, IL-KOSTEFFETTIVITÀ, IS-SIGURTÀ U L-KWALITÀ TAS-SERVIZZ.

Emenda 128

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu -1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1a. Sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara dan matul il-fażi tal-iżvilupp TAR-ROUTER, L-EU-LISA għandha tipproduċi rapport, u tippreżentah rispettivament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp TAR-ROUTER. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrbin u dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali li jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 12. Mid-data li fiha r-ROUTER jibda jopera u kull sena wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-baġit taħt il-linja baġitarja tal-QFP 4.11.10.02 (“eu-LISA”) ikoprix il-ħtiġijiet meħtieġa għat-tfassil, L-iżvilupp, l-ospitar u l-ġestjoni teknika tajba TAR-ROUTER u, jekk xieraq, tipproponi minnufih emendi għall-approprazzjonijiet tal-baġit.

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu -1b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1b. Ladarba r-router jibda jopera, l-eu-LISA għandha tipproduċi u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jiispjega f'dettall kif ikunu ntlaḥqu l-objettivi, b'mod partikolari dawk relatati mal-ippjanar u mal-kostijiet, kif ukoll li jiġġustifika kwalunkwe diverġenza.

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sa [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull 4 snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport li jkun fi evalwazzjoni ġenerali ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta':

1. Sa [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull 4 snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport li jkun fi evalwazzjoni ġenerali ta' dan ir-Regolament, *li juri n-neċessità u l-valur miżjud tal-ġbir tad-data tal-API*, inkluża valutazzjoni ta':

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ca (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-esperjenza tal-ivvja għgar ta' passiġġieri leġittimi;

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt cb (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni u l-piż imġarrab min-negozji. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jindirizza wkoll l-interazzjoni ta' dan ir-Regolament ma' atti leġiżlattivi rilevanti oħra tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) 767/2008, bil-ħsieb li jivvaluta l-impatt ġenerali tal-obbligi ta' rapportar relatati fuq it-trasportaturi tal-ajru, jidentifika d-dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu aġġornati u ssimplifikati, fejn xieraq, biex jittaffa l-piż fuq it-trasportaturi tal-ajru, u jikkunsidra l-azzjonijiet u l-miżuri li jistgħu jittieħdu biex titnaqqas il-pressjoni tal-kostijiet totali fuq it-trasportaturi tal-ajru.

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tħinkludi wkoll valutazzjoni ta':

(a) in-neċessità, il-proporzjonalità u l-effettività tal-inklużjoni tal-ġbir obbligatorju u t-trasferiment tad-data tal-API relatata ma' titjuriet intra-UE fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(b) il-fattibbiltà tal-inklużjoni tal-avjazzjoni kummerċjali mhux kummerċjali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-Kummissjoni għandha tissottometti r-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. Jekk ikun xieraq, fid-dawl tal-evalwazzjoni mwettqa, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta leġiż-lattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-ħsieb li temenda dan ir-Regolament.

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri u t-trasportaturi tal-ajru għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tabbozza r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu joqogħdu lura milli jipprovdu tali informazzjoni jekk, u sa fejn, ikun meħtieġ li ma jiddivulgawx metodi ta' ħidma kunkfidenzjali jew li ma jipperikolawx l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin tal-PIUs tagħhom jew ta' awtoritajiet oħra jn-tal-infurzar tal-liġi. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe informazzjoni kunkfidenzjali pprovdu tkun protetta kif xieraq.

2. L-Istati Membri u t-trasportaturi tal-ajru għandhom, fuq talba, jipprovdu ***lill-eu-LISA u*** lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tabbozza r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1. ***B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar il-ħtieġa u l-valur miżjud tal-ġbir tad-data tal-API minn perspettiva operazzjonali.*** Madankollu, l-Istati Membri jistgħu joqogħdu lura milli jipprovdu tali informazzjoni jekk, u sa fejn, ikun meħtieġ li ma jiddivulgawx metodi ta' ħidma kunkfidenzjali jew li ma jipperikolawx l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin tal-PIUs tagħhom jew ta' awtoritajiet oħra jn-tal-infurzar tal-liġi. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe informazzjoni kunkfidenzjali pprovdu tkun protetta kif xieraq.

Emenda 136

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Dan għandu japplika minn sentejn mid-data li fiha r-router jibda jopera, spċifikata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API].

Emenda

Għandu japplika minn sentejn mid-data li fiha jibda jopera r-router, spċifikata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14a.

Emenda 137

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Madankollu, l-Artikolu 4(5) **u (9)**, l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 19 għandhom japplikaw minn [Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda

Madanakollu:

(a) l-Artikolu 4(5), l-Artikolu 5(3) **u (4)**, l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 11(2), **l-Artikolu 18a** u l-Artikolu 19 għandhom japplikaw minn [Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

(b) **l-Artikolu 4b, l-Artikolu 6(-1), (2) u (3), l-Artikolu 7, l-Artikolu 7a, l-Artikolu 8, l-Artikolu 11b, l-Artikolu 11c, l-Artikolu 14 u l-Artikolu 14b għandhom japplikaw mid-data li fiha jibda jopera r-router, spċifikata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14a.**